Moghdija taz-Zmien

# BINT Il Hâchem

CAN. TEOL. L. VELLA D.D.



AC
95
.M35
M6

Nru. 65

JINBIEH ŻEUĠ SOLDI.

*Proprietà Letteraria*
TA' ALF. M. GALEA

(*Bis-sensja tal Cnisja*)

## I.

## Ftehima

Fis-sena 1540, maduar xi għaxar snîn uara li l'Ordni tal Cavalieri ta S. Ġuann kala daun il gżejjer tagħna minn għand l'Imperatur ta li Spanja Carlu V, għall'aħħar ġranet ta Ġunju, f'xi siegħa-nhar, ħarġu ħlimchien mill Birgu, biex jagħmlu daura, żeuġt iħbieb; kasmu ix-xagħra li tieħu lejn Bormla, ilueu max-xellug, uakfu uara ftit kuddiem dâr, rau il bieb u it-tuieki magħluka, ħabtu żeuġ taħbitiet bla ma uiegeb ħadd, kabdu it-triek li tieħu għall Carcara u bekgħu niżlin sax-xatt. Chellhom it-tnejn fuk it-tletin sena; ħsebijiet cbar chienu donnhom għaddejjin minn moħħhom għall uiċċ ħusbien u għas-schiet li chienu fih matul it-triek; iżda, malli kgħadu bil kgħeda fuk il blât, uieħed minnhom, uara li gerra maduaru biex jara humiex uħudhom, l'għainejn tiegħu micsura u mimlija bid-dmugħ, kâl lil sieħbu:

— Habib, collox sfâli fix-xejn!... tħabatt, għarakt, ilabt tant drabi ħajti kalb it-Toroc, fittixt tant f'Tunes, f'Girba, fi Tripli, fi Zuara, biex sirt nâf inkas milli cont nâf kabel ma infridna minn xulxin disgħa snîn ilu!...

— Tonin, la taktax jesec għall collox!... Jena għâdni bit-tama li maż-żmien collox jinchixef.

— Imma mita ser icun dan iż-żmien! ma għaddiex jakau żmien biż-żejjed?! m'hux gimgħat, m'hux xhur, iżda għaddeu diġà disgħa snîn sħaħ!... Ah! Ġann ħabibi, mîn għamel id-delitt, għaraf iħabbel il biċċa hecc tajjeb li uara it-taħbit collu tiegħi, il għajnuna tiegħec u ta ħbieb oħra, ma stajt nakbat ebda tarf! U taħseb li illum, uara tant żmien, jista jibkgħali xi tama?... Ah, msejcna ommi, msejcna oħti, chif chellcom tintemmu!...

— Żomm il bichi, Tonin, kallu ħabibu fil ħin li kgħedlu îdu fuk spaltu u ġagħlu iħares lejh. Tiftacar meta conn'na iltkajna fil palazz ta missierec fil Castell ta Għaudex, tiftacar mita iltkajna, ftit uara, fi Tripli, fejn cont mibgħut mis-Sultan Isleadam biex inħallas il piena ta dauc li iħobbuni?...Tiftacar x'cont għidtlec? Narġa ngħidulec issa ucoll: dac li spanjol ta Għaudex, Ġorġ Rioles, u il-lhudi ħabibu, Elia, irid icollhom sehem cbir fid-disgrazia t'ommoc u t'oħtoc. Ta dan il ħs'eb huma ucoll ħbiebna Fernandu Montaniès u Toni de Nasis. Tibża xejn, Tonin, għalchemm li spanjol u il-lhudi ħid-delitt tagħhom il marilla ħabbluha chemm setgħu biex ma insibuhx, nittama fil Madonna u f'San Ġuann, li insibu it-tarf u inħolluha sa l'aħħar ħajta. It-tarf tagħha naħseb li jena sibtu, u natic chelma ta cavalier, li nibka nitħabat sachemm nicxef collox. F'Rioles ħsibt u għandi il għaliex; imma icollu jagħmilha mal Cavalier Ġanni de Parisot...

— Iżda, Ġann, Rioles hu ħabib tagħna, ħabib ictar imbagħad ta Toni de Nasis, li chien għarus t'oħti, chif tista taħseb hecc ħażin fih?

— Jecc naħseb fih ħażin, għandi l'għaliex. Jena bżajt minnu, ma fdajtu katt, ħassibni ħażin minn meta iltkajt miegħu l'euuel darba fid-dâr tagħcom ta Ħâmet, fejn conn'na għaddejna ġurnata flimchien miegħec u u mal Hâchem ta Għaudex, missierec. Naħseb li m'hux biss Rioles għandu x'jaksam fid-disgrazia tagħcom, imma f'tiegħi ucoll mita gejt itturufnat f'Għaudex u fi Tripli.

— Mela għaddiet xi ħaġa minn għala uidnejc biex titħaddet b'dan il mod?

— Ma għandicx taħseb li ħsibt ħażin fih għalxejn. Cûn âf li ftit ġranet îlu chellemt fl'Imdina lil ħabibna Toni de Nasis, li chien għadu gej minn Għaudex, fejn mar għadda gimgħà ma niesu; ixxemmem chemm sata' fuk li cont għidtlu jen, bla ma ta' x'jaħseb lil ħadd, minn xi nies li inti katt ma tista taħseb fihom; kbadna bil għakal tarf, imma jinħtieġ għakal u żmien u li inti għall'issa icolloc is-sabar li tistenna il ħin, li fih incunu nistgħu ingħarfuc...

— Chif, kabeż Tonin b'dagħdiegħa, immela jena nibka kiegħed u taħdmu għalija intcom biss! Għaliex miegħi dan il ħeba collu?

— Nîn, ifda fina; hemm bżonn li ngħamlu hecc. Int ma tibkax kiegħed, taħdem magħna ucoll; imma minn għajr ma tcun tâf għall'issa dac li hemm moħbi. Il curaġġ tiegħec għandna bżonnu u jisuielna m'hux ftit; imma inti demmec spont, jitlagħlec malajr; ah! ħabib, chiecu tcun tâf fejn irridu naslu biex nicxfu li għandna bżonn, chemm nies li int tħobb, għandhom idejhom imċappsin bid-demm, chienu il ħtija tal kerda tal familja tiegħec, chemm.. Ma diġà kiegħed tisħon!...

kiegħed ingħidlec iż żejjed... Int m'intix tajjeb biex iżżomm demmec cuiet kuddiem dauc li kerdulec l'ictar żeuġ persuni li cont tħobb fid-dinja; jecc tcun tâf dac li bdejna nicxfu, tista tisua ta deni lilec in-nifsec! Halli, immela, il biċċa f'idejn mîn iħobboc.

— Imma mnejn sejrin tibdeu biex taslu li ticxfu biċċa tant moħbija? Għall'inkas għidli dan: għadhom ħajjin, ommi u oħti?... Hemm xi tama li ġurnata għâd neħelsuhom mill jasar?...

— Għadhomx ħajjin, Nîn, u fejnhom, Alla jâf! Għidtli mnejn nibdeu? Dan trid tcun tafu bħali, għax trid tcun magħna inti ucoll. Għada hemm bżonn li immorru sa Chemmuna, biex...

— Sa Chemmuna?! kabeż haun kallu Ninu collu mistgħageb.

— Iva, Nîn, sa Chemmuna, u icollha x'taksam bosta ħit-tiftix tagħna din l'art żgħira. Sa Chemmuna, jeu biex ngħidlec chif isejħula da' żmien, sal *Bejta tal Hallilin*, u jena inżidlec: bejta ta nies bla kalb, chefrin, bosta għagħar mit-Toroc!... Minn ftit snîn jinsab hemm uieħed ragel b'tifel miegħu, igħidulu is *Sajjed* jeu inchella il *Miġnun ta Chemmuna*.

— Chif ma hadulhx it-Toroc, li s'cuit ipoġġu hemm? kabeż mistgħageb Ninu.

— Din chienet l'euuel ħaġa li tâtni x'naħseb, ma ħallina għall'issa minn dan. Immela, dan is-Sajjed ta Chemmuna moħħu m'hux seuua, drabi itih bħal ferħ ta ġenn, għandu tifel ta għaxar snîn, u ibnu u il-lsir torc. Hemm bżonn naslu sa hemm biex inchelmuh, nistħarġuh... Biż-żejjed tcun tâf dan. Biss ingħidlec li ma turihx mîn int mita incunu hemm... Cûn âf ucoll

li magħna, barra minn Toninu de Nasis, icollna ieħor li inti ghadec ma tafux. Dan jismu Bernard Dopuo, għâni u nobbli, għandu it-titlu ta *Miles*, li kelgħu mis-Sultan ta Spanja Carlu V għall rebħa li gieb fuk it-Toroc. Dan, minn ftit taż-żmien, jinsâb fil Castell ta Għaudex, Captan tal għases tax-xtajta. Il bieraħ giè Malta għax sejjaħlu l'Armirall il Cbir; għada għandu icun magħna. Hu ħabib ta missierec u tal Captan ta Għaudex, is-sur Ciccu Platamone, ħu ommoc. Natihulec b'ragel kalbieni u sargu chemm tridu. Nibkgħu, immela, li għada filgħodu merħula għall Chemmuna, jena ġà ħsibt għall collox, filgħodu mas-sebħ id-dgħajsa bil kaddiefa tcun tistenniena fix-xatt tal Birgu.

— Tajjeb, Ġann, għall Chemmuna. Alla ithielna tajba!

— Nittamau fih.

---

## II.

## Sa Chemmuna

Fi żmien li storia tagħna, il gżira ta Chemmuna chienet bla nies, minnħabba il biża tat-Toroc, li sicuit chienu jidħru maduar il gżejjer tagħna biex jisirku. Lil mìn chien imur fiha biex idurha, chienet isseuuidlu kalbu, għaliex l'ebda sinjal ta ħajja ma chien jilmaħ; ħitan l'haun u l'hinn ta diar mġarrfa, mgħottijin nofshom bix-xeuc u bil ħorriek; canali tal ilma mchissra; triekat mħassrin b'gebel ta għalieki mixħut f'nofshom, il cnisja ta S. Niclau, fid-daħla tal baħar ta dan l'isem, m'hux biss mġarrfa, ma bilchemm tagħraf fejn chienet; mill cnisja l'oħra tal Madonna, jidhru biss minnha muakkfa żeuġ ħitan, collox sinjal li fiż-żmienijiet ta

kabel chienet għamara ta bosta nies, chif ucoll li għaddeu bosta drabi minnha it-Toroc u kerdu collox. Il lakam li ħadet ta *Bejta tal Ħallilin*, jurina biż-żejjed għall fejn chienet isservi f'dan iż-żmien. F'1419, Maltin u Għaudxin, mifthemin flimchien, riedu jibnu fiha torri cbir biex iżommu fih għases li ma iħallux l'għedeuua jinżlu fiha; uasslu it-talba tagħhom lis-Sultan ta Spanja Alfonsu, uegħedhom li jatihom li talbuh; biex jiġbor li spejjes, għamel spisa żgħira fuk l'imbit, imma it-torri ma sârx; għaliex dac li hemm illum, għamlu il Sultan Wignacourt f'1618, mitejn sena uara, u ma dac iż-żmien imbagħad bdiet mill ġdid tinħadem l'art tagħha.

Fil bidu ta l'Ordni ta S. Ġuann f'Malta u Għaudex, din il gżira chienu jinkdeu biha l'għedeuua biex jersku lejha bix-xuieni, jistaħbeu f'xi daħla tagħha, jokgħodu għassa għall xi dgħajsa li tcun ġejja minn Skallija għall Malta jeu minn Malta għall Għaudex. Ma contx tagħmlu għalhecc chif gieb u laħak il viaġġ minn gżira għall oħra; biex minn Malta tigi Għaudex, spiss cont tilgħab ħajjtec jeu inchella li tgħaddi għomroc fil jasar. L'erbgħa għalhecc li ftehmu, chif għidna fit-taksima ta kabel, li jerħulha mill Birgu u imorru Chemmuna, riedu icunu ta għarmu cbîr, biex ma kgħadu jaħsbu xejn f'dac li chien jista jiġrilhom.

Chienet għada ix-xemx ta filgħodu ma neħħietx għall collox id-dlamijiet bid-daul tagħha, x'ħin dgħajsa b'erbgħa lsiera kaddiefa u bl'erbgħa ħbieb fukha, li diġà nafuhom, ħalliet il Birgu, ħarget mill port u rħatilha għall Chemmuna ma l'art l'art, b'għajneihom issa il barra fuk il baħar biex jarau jilmħux xi kala ta l'għedeuua, issa fuk l'art x'ħin icollha titfaċċa xi daħla

uara xi gholja, ghall b'ża li isibu fukhom ghall gharrieda it-Toroc.

Il Cavalier Ġanni de Parisot hsiebu biss fil kaddiefa tieghu li ifittxu jisau, jitlob lil S. Ġuann li iuassalhom bis-sliema; Toni de Nasis mat-tnejn l'ohra jitolbu issa lil S. Paul, issa lil Madonna tal Mellieha u tal Kala. Ma tûl it-triek collha xejn ma tniffsu fuk dac li ghalih chienu sejrin f'dic il gżira, ghaliex, fost l'erbgha lsiera, uiehed minnhom chellu hżunija u ghakal biżżejjed biex jifhem collox b'nofs ta chelma u chien jista jisua ta deni. Chien jismu Halif; chien uiehed makbud minn fuk ix-xini ta Cara Saym Rais u Cara Mustafà, fil hin li daun chienu sejrin Barbaria bi prisa ta tliet mitt nisrani u bit tappezzeria tal Cunvent ta l'Ordni ta S. Ġuann, misruka minn Rodi. De Parisot xtrah ghall ghâklu u chien jisuielu ghall cull fejn icollu bżonn. Il Maltin chienu ighajtulu *ta għajn uaħda*, ghax l'ohra tilifha ftit kabel uaka lsir f'takbida ma li nsara.

Uaslu, bil ghajnuna l'Alla, Chemmuna, rabtu iddghajsa fid-dahla ta S. Niclau, rabtu tliet lsiera mal banc tad-dghajsa biex ma jaharbux, lil Halif niżżluh fl'art maghhom u ghabbeuh l'erbgha mkadef u rheulha flimchien biex isibu lis-Sajjed ta Chemmuna.

Cuarta mixi il fuk mnejn niżlu, chienet imuakkfa uhida dâr ċchejcna li minn barra chienet donnha ta xi ghalka, mdaura b'hafna ibrâġ ta gebel ta diar mġarrfa. Id-dâr collha ma chienx fiha hlief camra ġo ohra; ta barra, żmattata ghall collox, ma chienx fiha barra minn banc, siġġu kadim u ftit tiben f'rocna li iservi ta sodda lil lsir tas-sajjed li semmejna; imma ta ġeuua

chienet xort'o'ira. Mejda kadima tal ġeuż, scrivanija żgħira bi ftit cotba u carti fukha, erbgħa ncuatri ħil ħitan ta pittura sabieħa, sodda u sufan li ch'enu jogħdu ictar għall uieħed għâni nclelè għall uieħed sajjed. Għalchemm minn din il camra mîn chien jokgħod fiha ma chienx jidher miġnun, hecc imma tas-seuua chien jidher f'xi ħinijiet tal ġurnata. Filli chien icun f'camartu ferħan b'ibnu, igħallmu xi ħaġa tal kari, ħilli joħroġ b'uiċċ imbergħen, b'għainejh imberka, b'xuxtu muakkfa, jiġġera l'haun u l'hinn sachemm jasal fixxtajta li semmejna, fejn chien icollu marbuta iddgħajsa, jinżel għar-rcobtejh, jixħet għainejh ċassi fuk il baħar, itemtem ħafna cliem bla ma jiftiħem, jispiċċa ħilli ikum, jati dakka b'îdu fuk moħħu u igħid: "Misħut il mument!... Kalb ta tigra!... Mulejja, icolloc ħniena!...

Mita l'erbgħa bil lsir magħhom korbu lejn id-dâr tas-sajjed, semgħu chelb żgħir jimbaħ ħil bieb, jisimgħu mîn isejjaħlu biex jiscot u jitfaċċa uieħed ragel: dan uakaf iħares lejhom. Chien il miġnun jeu is-sajjed ta Chemmuna. Bil uiekfa, mincbu poġġut mal genb tal bieb, liebes kalziet u sidrija mkattgħa, bil kmis mxammra fuk dirgħajh, b'leħja tuila imkandfa, uiċċ isued u għainejn ta ħalliel, malli tarah chien ibeżżgħec. Il lsir u it-tifel chienu ftit il bogħod mid-dâr iħarsu mistgħaġbin lejn il ħames barranin. De Parisot għameż lil Ħalif u dan malajr tbiegħed mill'oħrajn u mar ichellem lil lsir tas-sajjed u lit-tifel; l'erbgħa l'oħra ħiimchien resku fejn il miġnun, ħadulu b'îdu u bdeu jitħaddtu miegħu, kalulu li ġeu iduru daura Chemmuna. Uera li ferah bihom, lakagħhom mill'aħjar li sata' minngħajr ma daħħalhom ġeuua u tahom il lsir tiegħu biex idauua-

rhom ma Chemmunna. De Nasis u Bernard li skalli marru idturu daura maż żeuġ lsiera, imma De Parisot ma Toni, bin il Hâchem, ghamlu ta bir-ruhhom ghajjenin u bakghu mas-sajjed. Mita chienu uhudhom mieghu, bdeu itarfulu xi haġa fuk li chiecu riedu jicxfu. Il sajjed baka' ihares ċass lejhom; b'dac li uegibhom ma sarux jafu ictar minn kabel. Toni tal Hâchem, x'hin ra li collox ghall xejn, kghedlu ftit imdahdah îdu fuk spaltu u kallu b'ghainejh ċassi fuk uiċċu :

— Habib, tafu lil Ġorġ Rioles ta Ghaudex u lil habibu il lhudi Elia ?!

Is sajjed, ghall daun il cliem hecc ċari, inhasad, biddel leun uiċċu, sâr collu misfar, u kallu:

— Ġorġ Rioles ! Elia il-lhudi !

Ma daun il cliem, xehet ghainejh fl'art, kghad jahsibha; uara ftit, refaghhom, kabad b'îd Toni, u kallu:

— Nista nifda fîc ?... tahlef li iżżomm mohbi dac li issir tâf minni ?

— Ifda fija dac collu li trid u f'habibi il Cavalier Ġanni de Parisot. Nahilfu it-tnejn li jibka mohbi dac li tghidilna.

Uara din il ueghda li iżommu collox mohbi, kallhom fi ftit cliem, fatt ta delitt icrah, li bih saru jafu dac li chienu jixtieku; imma mîn kieghed jakra ma jistax jifhmu kabel icun jâf huejjeġ ohra, ghalhecc jinhtegilna nerġghu ftit lura fli storia taghna.

## III.

## Chaudex kabel l'1530

Għaudex, ftit żmien kabel ma ġara dac li għidna sa issa, chien, ma Malta u Skallia, tas-Sultan ta Spanja, igħodd nies minn sitta sa tmien telef. Il cummerċ ta bejn il gżejjer tagħna, u Skallia u Spanja chien cbîr, u għalhecc bosta familji minn dic il gżira u minn dac ir-renju chienu ġeu jokgħodu għall collox f'pajjiżna. Xi uħud minnhom tħalltu ma niesna, saru maltin u għaudxin; għalhecc bejn għaliex bosta familji tal gżira tagħna chienu għanja mir-raba li chellhom, bejn għaliex xi familji skallin u spanjoli, milli ġeu jokgħodu haun, chienu jagħmluha tajjeb, chelna f'Għaudex bosta familji għonja u nobbli, li illum x'uħud fosthom intemmeu billi siefru jeu għaliex uakgħu taħt il jasar tat-Toroc; oħrajn, imbagħad, minn daun ftakru, jeu għal-linkas, billi chibru, tkassam il għana tagħhom u uasal ħix-xejn. Minn daun chienu il familji għaudxin ta Alagona, Monpalau, Platamone, Castelletti, Mannâr, Montaniès, De Nasis, Vella, Farruġ, Caxaro, Rioles, u bosta oħrajn li niltakgħu magħhom ħi storia tagħna.

Il gżira t'Għaudex, dac iż-żmien chellha l'Università, jeu ngħidu aħna, il gvern tagħha, li ma chellu xejn x'jaksam ma ta Malta, għalchemm iż-żeuġ gvernijiet chienu dejjem jitiehmu flimchien, u mita chienu iridu xi privileġġ minn għand is-Sultan ta Spanja, chienu jitolbuh ħlimchien. Chelna il Cunsill, li chien jingħażel cull sena ħix-xahar ta Auuissu, biex jeħu ħsieb ta li spejjes tal gżira, jara x'jaħtieġ isir, iuassal lis-Sultan ta Spanja il bżonnijet tal pajjiż permezz tal Ambaxxaturi, jaħseb għall kmuħ u ħuejjeġ oħra ta l'ichel minn Skal-

lia u isemmi tliet persuni li jilħkilhom, biex minnhom is-Sultan jagħżel il Hâchem. Dan chien bħal Câp u Gvernatur tal gżira collha, Captan Ġustizier li icun fuk l'oħrajn f'cull causa tal Magistrati, u mill 1433 chien Câp tal Milizia bl'isem ta Captan ta l'Armi; imma ma chienx jista jagħmel ligijiet mingħajr l'erbgħa Ġrati, li daun chienu ucoll ħi stess hin Imħallfin. Il Hâchem ma chellu xejn x'jaksam max-xuieni ta fuk il baħar: Câp ta daun chien il Vici Armirall, magħżul mis-Sultan, biex jakta ucoll il causi tal cursari u tal baħrin.

Is-sûr tal Gran Castell, dac iż-żmien, ma chienx stramân bħalma hu illum; chien icbar u aħjar, u geuua fih jiġbor in-numru il cbir tan-nies tal gżira: ma chienx icun għâni mîn ma icollux dâr sabieħa geuua fih. Il palazz tal Hâchem, tal Ġurati u tal Cunsill, il Korti ta l'Imħallfin u tal Vici Armirall, cuartieri tas-suldati, imħażen tal kmuħ, il palazz tal Cappellan Maġġur Provicariu ta l'Iskof ta Malta, il Cnisja ta l'Assunta, l'icbar uaħda fil gżira, il cnejjes żgħar ta S. Laurenz, ta S. Nicola, tas-Salvatur u ta S. Ġuann Patista, il mis-raħ il cbîr ta kuddiem l'Assunta, chienu collox flim-chien jagħmlu il Gran Castell, il Belt tal gżira, chif għadha tissejjaħ sallum, u chienet tista tilka fiha in-nies collha tal gżira f'xi migja ta l'għedeuua. Barra mill Castell, il cnisja ta S. Ġorġ, ta S. Ġiacbu u ta S. Sabina, maż-żeuġ Cunventi ta S. Uistin u S. Frangisc, bil cnejjes żgħar tagħhom, u ftit diar imxerrda l'haun u l'hinn, chienu jiffurmau ir-Rabat, uisk iżgħar milli hu illum. Ir-rħula, imbagħad, ta maduarhom, chienu bosta, imma igħoddu ftit uisk nies, ma chienux ħlief ftit diar krib xulxin b'xi cnisja żgħira f'nofshom; fi żmien il biża tat-Toroc, chienu igħammru fihom bi-nhar biss, għaliex

ma inżul ix-xemx chienet iddokk in-*nafra* ħil Castell u cullhadd chien jinġabar fih biex ma jigix misruk għall għarrfeda bil-lejl. Ma dan collu, barra mill ktajja cbar ta siġar taż-żebbuġ, tal ħarrub u tal frott irkiek, li bihom il gżira chienet tħaddar donnha ġnien, cont tilmaħ l'haun u l'hinn xi dâr cbira, imdaura b'ġonna mdakksin u siġar sbieħ ta xi familja għanja, li chien icollha, barra mill palazz ta geuua il Castell, biex fiha tgħaddi ix-xhur tas-sajf.

L'icbar u l'isbaħ dâr minn daun ta barra mill Castell, chienet tinsâb bejn ix-Xeuchia u ix-Xagħra, minn naħa mal lemin aħna u tilgħin mill'Imġâr għar-Rabat, f'art imsejħa ta Ħâmet, krib ir-raħal żgħir ta S. Nanard, li illum ma baka' minnu xejn. Din id-dâr chienet tissejjaħ id-dâr ta Ħâmet jeu inchella ta Mannâr; u billi imbagħad sidha fl'1530 laħak Hâchem tal gzira, ħadet ucoll l'isem ta Dâr il Hâchem.

F'xi siegħa nhar, ħil ħabta ta Mejju, ftit xhur kabel ma beda l'Ordni ta S. Ġuann isaltan fuk il gżejjer tagħna, chien nieżel kassis mill Castell għan naħa ta S. Nanard, biex jagħmel daura bħas-soltu, għadda minn dan ir-raħal żgħir u baka' sejjer għall ta Ħâmet. Daħal fi triek żgħira kalb is-siġar taż-żebbuġ, għadda għall geuua mogħdija imdell'la b'cannezzati ta duieli u tfaċċa kuddiem bieb ta bitħa li chellha kuddiemha palazz sabieħ. Chelb cbîr ta Barbarìa, marbut max-xatba b'catina tal ħadid, għall'euuel ħoss li sama' tal mixi, beda jimbaħ jimbaħ ; iżda, malli tfaċċa fuku il kassis, beda iferfer denbu, jakbeż miegħu u jifraħ bih. Fil uakt, resak fuku il-lsir torc, sellimlu u kallu !

— Dun Nicol, merbħa bîc; chemm îli ma narac!... Smajt li cont marid !

— Iva, Aħmed, ma issa m'hiniex ħażin.

— Allah roddloc saħtec!

— Minn hâun bħall'issa fil palazz? Jakau ħarġu siedec u niesu?

— Sîdi Mannâr għadu haun; martu u binthom Lisa, ħarġu iduru. Għaddi geuua, Dun Nicol.

— Kabel nidħol xejn, Aħmed, għandi xi nghidlec. Tlett ijiem ilu, mita sîdec bagħtec b'ittra fil Castell għand ta Platamun, ma ukaft u ma għaddejt imchien?

— Imchien! uiegeb il-lsir b'rasu merfuha biex ma jurix il biża li giebulu daun il cliem.

— Tgħidli imchien? Malli ħrixt minn għand ta Platamun u iluejt il cantuniera tal fosos, ma sibtx jistenniec lil lhudi Elia? ma għaddejtx miegħu mit-triek ta S. Laurenz? ma tħaldx miegħu fid-dâr ta li spanjol Rîoles? Aħmed, kiegħed tilgħab rasec! Ftacar fil uegħda li għamillec sîdec!

Aħmed, għall daun il cliem, seħed, beda jitrigħed, u ma sabx cliem biex iuieġbu. Dun Nicol telku biex jibka dieħel geuua il palazz; il-lsir dar lejh bil ħniena u talbu:

— Dun Nicol, għall'Allah! la titniffix ma sîdi fuk dan!

— Nagħmel dac li jiħtieġ! uieġbu il kassis.

It-Torc, irrabiat, beda igħiddem f'idejh u kâl minn taħt il-lsienu daun il cliem:—Ja chelb ta nisrani! naħsbu għalic ma l'oħrajn f'kasir żmien!

Dan il kassis, Dun Nicol Castelletti, chien il Cappillan Maġġur u Provigariu ta l'Iskof ta Malta għall gżira tagħna. Chien għâni u nobbli; missieru, Ġanni Castelletti, minn Paliermu giè jokgħod Għaudex u iżżeuueġ lill'Imperia, bint in-nobbli Indria Navarra.

Maż-żmien, għall biża tat-Toroc, daun iż-żeuġ familji marru jokgħodu Malta. Daun chienu ħbieb tal kalb ma ta Mannâr u l'ictar fosthom Dun Nicol. Dan, malli ħalla lil Isir, baka dieħel ħil palazz, tala' it-taraġ, għadda minn loġġa u daħal f'camra fejn sàb lil ħabibu Indria Mannâr. Uara li ferħu b'xulxin, Dun Nicol chelmu fuk il-Isir Aħmed, fuk il-Ihudi Elia u fuk il familja spanjola ta Rioles.

— Hemm bżonn, kâl Dun Nicol, intajruhom il barra mill gżira tagħna lil daun ta Rioles; il missier Ġacbu, minn xi ħuejjeġ moħbija li cxift, hua ħabib ma bosta Toroc għedeuua tagħna, li sueulu ta għajnuna fi Spanja u fi Skallia għall bosta delitti tiegħu. Ibnu Ġorġ, ngħidlec li hu uisk għagħâr minnu; il Ihudi, li għandhom magħhom, Elia, għagħâr minn dauc li sallbu lil Cristu; Aħmed, il-Isir tiegħec, diġà hu mixtri minnhom, għalhecc hemm bżonn li naħsbuha tajjeb!

— Iżda, chif nagħmlu biex neħilsu minnhom?

— Inti, bħala Ġurat, tista titchellem ħil Cunsill; Paulu Navarra, iz-ziu tiegħi, icun miegħec; u jecc ma jirnixxilicx issa, f'Auuissu, ħil Cunsill il ġdid, naħseb li tcun int il Hâchem, għax cullħadd hec irid, u is-Sultan iħobboc: u tcun tista teħles minnhom minnufiħ.

— Iżda, jena ma naħsibx f'ta Rioles tant ħażin; juru li iħobbuni; Ġorġ talabni li inżeuuġu lil binti Lisa.

— Il kuddiem tcun tâf b'collox, u nuric ucoll il fehma ħażina ta Ġorġ Rioles; għall'issa kìs li Aħmed ma jitchellem katt magħhom u mal Ihudi. Ma nistax ngħidlec iżjed għaliex martec u bintec tilgħin it-taraġ, u ma irridx inbeżżagħhom bi cliemi.

— Bi cliemec uettaktni fi ħsieb ieħor, Dun Nicol; nerġgħu nitħaddtu fuk dan mill'ictar fìs.

## IV.

### Ta Mannâr

Il familja, li rajna lil kassis Dun Nicol dichel ghandha, chienet mill cbarât, ghanja u mahbuba uisk min-nies tal gżira collha. Fl'antic chienet tissejjah ta Almanar, imbaghad tbiddlet f'Mannâr, u illum, dauc li gejjin minnha igibu il cunjom ta Mannara. Bosta mhallfin u ġurati chienu minnha fil gżira, sachemm Indria, li diġà semmejna, uara li lahak ġurat u imhallef, uasal sa l'ghola grâd ta Hâchem, li chien dac iż-żmien il Câp tal gżira collha. Dan minn tfulitu giè mibghut min-niesu biex jitghallem f'Paliermu, mnejn giè avucat u fil milizia imlahhak fil grâd ta captan. Malli inġabar Ghaudex ma niesu, ghamel habib ma ta Platamun, nies xejn inkas ghanja minnu. Fost l'ohrajn, Cianciu Platamun u martu Lisa habbeuh bhall binhom ghall ghakal, dehen u tiubija tieghu ; u din il hbeberija ghaddiet tant il kuddiem li żeuġuh lil binthom Margarit, xebba li daks chemm chienet helua u sabieha, dakshecc iehor chienet siecta, miġbura u tajba. Indrì kala' minn ghand nies martu, barra minn bosta raba, razzett fit-triek tax-Xlendi u dâr fl'Imdina, dâr ohra cbira fil Castell malli nghaddu mill mina ta Sant'Anna, imghammra b'dac collu li tahtieġ, u f'din mar jokghod ma martu; missieru tah ucoll biċċa mill kasam u il palazz ta Hâmet bil ġonna ta maduaru. Chif Indrì inhabb tant ma ta Platamun ghall ghaklu u tiubitu, hecc ucoll martu Margarita, bl'imgieba tajba taghha inhabbet tant min-nies żeuġha, li daun li bdeu jistmauha icbar milli chiecu chienet binthom. Uara dan it-tieġ, ta Platamun u ta Mannâr

tant resku lejn xulxin, li cont tista issejħilhom familja uaħda. Maħbubin mill poplu collu għall ħniena cbira tagħhom, il gvern tal gżira spiss f'idejhom, miġubin mis-sultan ta Spanja u mill vicirè ta Skallia, ħbieb tal kalb mal cbarât ta Malta, chienu għall collox bla ħemm u bla nichet; imma fid-dinja ħadd ma hu hieni għall collox, ħadd minn għajr slaleb, u drabi it-tajbin maħkurin ictar u imsallbin u imnicctin mill'oħrajn. Geuua sena, lil Margarit mitûlha missierha u ommha, Cianciu u Lisa ; ftit snîn uara, ħuha, Toni Platamun, Captan ta fuk il baħar, f'takbida mat-Toroc, giè ferut, uaka il lsir u ħaduh l'Argiel taħt idejn l'aħua Barbarossa, Araħ u Hajreddin, li ma riedu jerħuh katt għall ebda somma ta flûs li riedu ituhom. Uara ftit taż-żmien, Ninu, missier żeuġha, chien sejjer Malta ma ibnu Cola biex igħaddi erbat ijiem l'Imdina għand il Conti de Guevara, Castellan ta Malta; x'ħin chienu bejn Chemmuna u il Marfa jarau xprunara torca fukhom, intraccat id-dgħajsa tagħhom, għamluhom lsiera u ħaduhom Girba. Dan il ħemm collu li uaka f'kasir żmien fuk il familja ta Mannâr u ta Platamun, mela b'ħasra cbira lin-nies tal gżira collha u lil ħbieb li chellhom Malta, u xi ħadd, li moħħu chien jilħaklu seuua, beda jaħseb u igħid li il ħtija ta dan innichet collu chienu xi għedeuua li chellhom f'Għaudex stess daun iż-żeuġ familji, u malajr xterdet kalb il poplu din ix-xnigħa. Imma mîn setgħu icunu daun il għedeuua jecc chienu maħbubin minn cullħadd, jecc dejjem għamlu il gîd, tant mal pajsani, chemm mal barranin ? Din chienet il mistoksija, li ħadd ma chien jagħraf iuiegeb seuua għaliha.

Dun Nicol ħauuad biżżejjed b'moħħu, b'għaklu u b'ħiltu collha biex jakbad xi tarf, imma ma uasal f'xejn: biss għaraf li chellhom ghedeuua fil pajjiż; u kabad jitħasseb li ta Rioles, għallchemm chienu jidhru ħbieb tal kalb ma ta Mannâr, ma chellhomx idejhom indafa għall collox minn dac collu li chien ġara; imma chien jinħtieġlu iżomm il-lsienu, għalhecc rajnieh jitħaddet b'dac il mod ma Aħmed, il-lsir ta Mannâr, u iuiddeb mill ġdid lil dan biex ma iħallix il-lsir tiegħu jitchellem ma ta Rioles u mal-lhudi li magħhom.

F'dan iż-żmien li fih ta Mannâr għaddeu minn tant ħsara, ħemm u slaleb, chellhom ucoll fli stess ħin biex ifarrġu kalbhom. Alla bierec iż-żuieġ ta Indrì ma Margarit b'bosta ulied. L'euuel tifel li chellhom, semmeuh Ninu għall missier Indrì u it-tifla li giet urajh sejħulha Lisa għall nannitha, omm Margarit. Uara daun iż-żeuġ ulied, chellhom oħrajn li mietulhom fiċ-ċochon tagħhom, u Margarit damet imbagħad maduar it-tminn snîn ma icollha ulied, sachemm reġgħet chellha tifel ieħor, li semmeuh Ġuseppi.

Billi dac iż-żmien fil gżejjer tagħna m'hux għalchemm issib mîn igħallem lit-tfal, għaliex barra minn xi kassis li iħarriġhom fil kari u il chitba tal latin, taljan u spanjol, ma contx issib lil ħaddieħor li imexxihom iżjed il kuddiem; chien jinħtieġ li il missier, biex jissocta igħallem lil uliedu, jibgħathom barra fi Skallia, fl'Italia jeu fi Spanja. Dun Nicol, bħala ħabib tal kalb ma ta Mannâr, ħa ħsieb biex igħallem lil uliedhom miż-żgħar tagħhom u imxeu tajjeb taħt idejh Ciccu u Lisa, tant fil huejjeġ ta li scola, chemm fit-tagħlim nisrani; imma mita it-tifel laħak is-sittax

il sena, missieru ħaseb biex jibgħatu Paliermu, fejn chien mar jitgħallem hu fi tfulitu. Iżda il migja tat-Toroc mall Baxa Sinàn fil gżira tagħna, is-serka ta Imperia, it-takbida li saret magħhom in-naħa ta l'Imġâr, neħħeulu lil Indrì il ħsieb li chellu fuk ibnu; sachemm xi sena uara, mita ketgħu għall collox il għedeuua mill baħar tagħna, reġa beda isiefer xi birgantin, sata' il m'ssier icompli il ħsieb tiegħu.

Margarit tħassret uisk lil binha, bakgħet sicuit isemmih u tibchih. Nannuh Ninu, li chien iħobbu ictar minn ibnu stess, fil ħin li għanku kabel ma telak, kallu bid-dmugħ f'għainejh li actarx ma jarah iżjed ; u tasseu ma għaddietx sena li ma uakax il-lsir ma ibnu Cola. Iżda l'ictar li ħasset din il firda, chienet Lisa, oħtu ; imrobbijin dejjem flimchien, chienet tħobbu fuk li tħobbu, miegħu chienet tiftaħ kalbha minn għajr ma tħallilu ebda ħaġa moħbija ; urietu minn żmien kabel il biża li chellha b'kalbha, minn xi għajdut li chienet semgħet ta xi għedeuua li chellha il familja tagħhom, il għożża li fiha chienet iżżomm lil ħabibu, iż-żagħżuh captan Toni de Nasis, għall għakal u tiubija li bihom chienet tarah imżejjen, urietu li din li mħabba giebet mibgħeda bejn il captan u Ġorġ Rioles, u chif dan, li ma chienitx tista tarah għall ħżunitu, bosta drabi ħeddidha fil palazz tagħhom stess li għâd icollha biex tagħli. Ninu fettex dejjem li itajjrilha minn moħħa daun il ħsebijiet ta biża, imma hi dejjem bakgħet ħusbiena ; u kabel ma infirdu minn xulxin, sejħitlu f'camritha u kaltlu :

— Nîn, int sejjer issiefer... Minn Paliermu, mîn jâf għâdx tigi kabel sebgħa jeu tminn snîn ; mîn jâf

f'dan iż-żmien collu x'jiġri minni!...mill ħażin, il ħażin stenna!... dac li ġara lil Imperia ta Fernand, ibeżżagħni u ichexchixni!...

— Lîs, x'inti tgħid?... Għaliex dan il biża collu! Tibża jakau minn ta Rioles? Habibi de Nasis ikegħdu tajjeb; Dun Nicol jâf b'collox, xejn la tibża; hu uegħidni li f'kasir żmien ibegħdu mill gżira.

— Il ħażin, Nîn, ma issiblux tarfu; imbagħad li Spanjoli għandhom riħ cbîr f'pajjiżna. Iżda ma irridx inħallic issiefer imdejjak minfħabba fija. Nitolboc biss li tiftacar fija, ictibli la 'ddumx, katt la tinsa lil oħtoc, għaliex hi ma tinsiec katt fit-talb tagħha. Fuki, Nîn, xejn la taħseb; nittama f'Alla u f'Sidtna Maria, li dac collu li jista igħaddi minn għalija, inġarrbu bil kauua ta nisranija, u ntîc chelma li Lisa, bint ta Mannâr, tcun tagħraf tħâres il giħ tagħha bla ma tibka mirbuħa!

— Offja għalic, oħti Lisa! kallha ħuha fil ħin li għannakha u taha l'aħħar beusa fuk ġbinha.

Daun chienu l'aħħar cliem bejn iż-żeuġt aħua ta Mannâr kabel ma infirdu minn xulxin, li bihom Ninu għaraf li oħtu chienet tâf b'xi ħaġa li ma urietħelux biex ma tħallihx isiefer b'kalbu ittaktak; iżda collu uieħed, hu ħalla il gżira collu beżgħan minn xi deni li sata' jaka' fuk oħtu u fuk niesu. Bin ta Mannâr ma marx imkarrak fil biża tiegħu.

---

V.

## Làkgha f'dâr Rioles

Chienet lejla fil chiesah tax-xitua mill'ictar coroh, ix-xita nieżla bil kliel, il berak ileħħ uaħda f'uaħda, l'ajru chien donnu mixgħul, ragħad u sajjetti bla ma jektgħu xejn, riħ l'ictar kauui ivenven b'mod li chien donnu irid jakla mill art is-siġar u iġarraf id-diar. Maduar il ħdax ta bil-lejl, uieħed ragel imcheffen geuua cabozza tat-Toroc, niżel mir-Rabat għat-Tiġrija; ma nofs it-triek, sâb ieħor jistennieh mistoħbi ġo camra ta dâr kadima u nosfha mġarrfa; kalu chelmtejn bejniethom u issoctau jimxu b'għaġla cbira. Halleu uarajhom S. Nanard u ta Hâmet, u x'ħin uaslu f'nofs it-triek ta l'Imgâr, krîb S. Bartilmeu, ilueu fi triek dejka max-xellug, sabu malajr kuddiemhom dâr cbira mdauura bi ġnien, ħabtu tliet taħbitiet u uara ftit infetaħ il bieb u daħlu geuua:

— Uh, chif sirna għasra! x'inzertajniha ucoll!... kâl uieħed minnhom malli daħlu. M'hiniex imħallas ta din it-triek b'ghoxrin gorda ta Spanja!...

— Tibża xejn, Elia; jecc collox jirnexxilec seuua, titħallas tajjeb minn ta Rioles! kallu dac li fetħilhom. U int, Aħmed, issocta igħid lil ieħor, teħles mill jasar tiegħec; għandhom jibagħtuc Tripli pajjiżec jecc ingibuha żeuġ.

Bakgħu deħlin il geuua, telgħu taraġ żgħir u daħlu f'camra cbira, imuarba. F'din il camra chienu jistenneu l'it-tnejn li daħlu, Ġorġ Rioles, sîd id-dâr u uieħed jismu Lippu, li chien malti, mrobbi Girba kalb it-Toroc, fejn chien uaka lsir ma missieru minn ċcunitu. Dan chellu is-sengħa ta sajjed; għadda tfulitu u

bicca mill ġuventur tiegħu f'dic il belt kalb il għedeuua ta l'insara, sâr bħalhom u għagħâr minnhom; biżżejjed ingħidu li tilef għall collox il Fidi, u li uara ftit żmien li ġiè f'Għaudex, ħa sehem ħid-delitti tal familja ta Rioles. Mdorri f'delitti cbâr, kalbu saret għagħâr minn ta tigra; ħabib mat-Toroc ħallilin ta fuk il baħar, bosta drabi ta' magħhom is-salt fuk xi xprunara jeu xi birgantin ta l'insara u kasam magħhom is-sehem tal priża. Mxabba minn dil ħajja hecc ħażina, ġiè biex jokgħod Malta, imma mbażża li hemm jigi magħruf minn xi Maltin u Skallin li chienu jafuh tajjeb, ġiè f'Għaudex bil ħsieb li ibiddel ħajtu. Imma iltaka haun malajr ma Ġorġ Rioles, minn żmien ħbieb ta li stess katgħa, u dan dauuru minnuħih biex itih dakka ta îd ħin-nassa ta delitti li chien kiegħed jinseġ. Fuk hecc li insubuh miegħu fid-dâr li ħiha daħlu il-Ihudi Elia u it torc Aħmed, il-Isir ta Mannâr.

Malli daun it-tnejn sabu ruieħhom kuddiem dauc li chienu jistenneuhom, Ġorġ Rioles kâm bil uiekfa, resak lejn il-Isir ta Mannâr, ħâdlu b'îdu u kallu :

— Uasaltu fl'aħħar, Aħmed... Naħseb li batejtu f'daun ir-ruiefen collha li kamu il-lejla! La tibżgħu xejn; battlu dan il flixcun imbit ta Spanja li haun fuk il mejda, ħalli ittajru ftit il bard li għandcom fukcom.

F'chemm ilhi nsemmi, il flixcun chienu becbkuh, u minnuħih kagħdu bil kgħeda biex jistrieħu. Ta Rioles għameż lil ħabibu Lippu, u dan resak fejn Aħmed u kallu:

— Aħmed, aħlef bil cbir Profeta Maumettu, li tgħid is-seuua f'dac collu li nistaksuc u li inti tagħmel dac collu li negħdulec!

— Maumettu jisħitni jecc jiena naħbi xi ħaġa !...

— Ismagħni,immela, Aħmed,kabeż igħidlu ta Rioles. Għaddeu digià chemm il sena, chif inti tâf, li ilhi nitħabat biex nakla b'għarusa tiegħi lil Lisa ta Mannâr, siedec. Gidhom, m'hux le hi, serakli kalbi ! Cont bil ħsieb, li chiecu irnixxieli nižžeuuigħa,li neħles mažžmien minn ħutha biex nista nired collox, u imbagħad cont neħles ucoll minnha. Aħmed, int chiecu cont teħles mill jasar u tmur għand niesec. Cont naħseb li, uara il maura ta ħuha Ninu f'Paliermu, nirranġa collox; imma daħal fin-nofs dac il chelb ta captan, Toni de Nasis, bexchilli collox. Lil dan, jiena nobgħodu u îlhi nistad il kerda tiegħu. Aħmed, katt smajtu isemmini ma ta Mannâı mill'aħħar darba li iltkajna f'huan?

— Smajtu. Ftit ġranet îlu giè għandhom fil palazz tal Castell ma Dun Nicol ta Castelletti, bakgħu deħlin fis-sala fejn barra sîdi, u martu u bintu Lisa, chien hemm ix-xiħ, missier Indrì, u ibnu Cola. Kgħadt nissamma. Chiecu tâf il ħàma li kalgħu fuk missierec u fukec, dac Toni de Nasis u Cola ta Mannâr !... Jafu ħajtec collha ; b'dac li għamilt fi Spanja, fi Skallia, f'Tunes u fi Tripli; kalu li intom ħbieb ta l'għedeuua ta li nsara, ta Kara Mustafà, ta Kara Laim, ta Najdin Karamàn u tal Baxa Sinàn.

— Is-saħta fukhom collha ! kabeż ta Rioles irrabiat. De Nasis ma idumx ħaj ! u Lisa, li minfħabba fiha dħalt f'din in-nassa collha, jecc nâf li itajjruli rasi, intemmilha ħajjitha fil jasar !... Naħlef li nekridhom collha mill bidu sa l'aħħar !...

— Jeu jekerduc huma, kâl il-lhudi Elia, jecc ma naraux x'nagħmlu mill'ictar fîs !

— Ġorġ, isma minni, kabeż ighid Lippu is-sajjed. Imbeuuġu minn haun; icun aħjar għalina. Sejjrin nidħlu f'nassa cbira u ma nafx chif noħorġu minnha!

— Lip, la taktax jesec! Għall collox ħsibt: it-Toroc hbieb tagħna u huma kauuija; Chemmuna tisuielna biżżejjed għall hsieb ta moħħi!... Bakagħlec x'tgħidli, Aħmed?

— Bakagħli ingħidlec li taħbat ħażin jecc ma tekridx kabel lil Dun Nicol; gejj u sejjer għand ta Mannâr, moħħu biss fil kerda tiegħec.

— Għall Dun Nicol diġà ħsibt chif għidtlec xi darb'oħra; ma idumx jaraha l'art ta Għaudex. L'oħrajn nekirduhom collha!

Uara ftit, Aħmed u Elia ħarġu il barra u irħeulha lejn id-dâr ta Hâmet. Ta Rioles ma Lippu bakgħu jiftehmu fuk il mod li bih għandhom itemmu id-delitti tagħhom.

---

## VI.

### Venditta

Fiż-żmien li uasalna fih fli storia tagħna, saret takliba fil gvern ta pajjiżna. L'Ordni tal Cavalieri ta S. Ġuann, uara li tilfu mat-Toroc il gżira ta Rodes, għaddeu chemm il sena jiggireu ifittxu li jakelgħu xi belt li tcun tisuielhom biex jistgħu jiccumbattu ma l'għedeuua ta l'insara, sachemm kalgħu bil għajnuna tal Papa minn għand l'Imperatur ta Spanja il gżejjer ta Malta u Għaudex. Maltin u Għaudxin, malli semgħu din l'aħbar, għall'euuel rauha ħaġa ta ħsara cbira tagħhom, billi tant drabi tħâbtu u ħarġu flushom biex jifdu daun il gżejjer mill ħacma ta min chien igħac-

chishom u jaħkarhom; beżgħu għalhecc li sejrin jakgħu fli chienu; imma imbagħad middeu għonkhom mita f'Ġunju ta l'1530 geu minn Serkuża, fejn chien jinsâb is-Sultan Villiers Isleadam, il Purcratori ta l'Ordni, minnu mibgħutin sabiex jagħmlu il cuntratt tal mogħtija ta Malta lil Ordni tagħhom, u il Cavalieri kagħdu għall dauc il pattijiet il talbu il Maltin, għallchemm uara il meut tas-Sultan li semmejna inchisru f'kasir żmien. Fit-22 ta Ġunju ta li stess sena geu minn Malta fil gżira tagħna biex jagħmlu li stess cuntratt il Purcraturi ta l'Ordni Fra Ugone de Coupons, General tax-xuieni, u il Balliu Fra Ġuanni Bonifaziu mal Cummissarji La Rosa u Paternò. Hadu imbagħad iż-żeuġ cuntratti ta Malta u Għaudex Serkuża biex icunu iffirmati minn Isleadam, u ħadu magħhom bħala Ambaxxaturi taż-żeuġ gżejjer il Ġurati Paulu de Nasis u Ġanni Calava ma Ciccu Platamun u Pietru Mannâr. Hames xhur uara, is-Sultan Isleadam bil Cbarât collha ta l'Ordni u Cavalieri fuk ix-xuieni tagħhom daħlu fil port ta Malta, geu milkugħin b'ferħ cbîr; u fit-tlittax ta Novembru saret id-daħla fil belt ta l'Imdina u ngħata il ġurament lis-Sultan li icompli dac collu li uigħed. Sâr General tax-xuieni il Balliu Salviati, nepputi tal Papa Chelment VII, u l'euuel darba li beda il cmand tiegħu chien mita gieb fil gżira tagħna lis-Sultan Isleadam biex jeħu pussess, bħall ma chien ħadu f'Malta. Tliet xhur kabel, f'Auissu li chien għadda, chien laħak Hâchem ta Għaudex il Ġurat Indrì Mannâr, għalhecc lil dan messitu ix-xorti li jilka fil palazz tiegħu tal Castell lis-Sultan bil Cbarât collha li chellu miegħu. Għamel chemm sata il Hâchem mal Ġurati, u il Cbarât u man-nies collha tal gżira, sabiex jilka u igîb

ruħu mill'aħjar li jista mas-Sultan, u dan ħareġ cuntent xejn inkas mill làkgħa li chienu għamlulu fl'Imdina. Fost il Cavalieri li chellu miegħu is-Sultan,chien jinsâb uieħed ġuvni, kalbieni mill'actar, tuajjeb, għani minn daru u ta għakal li chien juri li għâd jisuielu il kuddiem lil Ordni ta S. Ġuann u fuk hecc chien maħbub uisk mill capijiet ta l'Ordni ; dan chien il Cavalier Ġanni De Parisot La Vallette. Dan, ma l'euuel darba li iltaka' mal captan Toni de Nasis fil palazz tal Hâchem fil Castell, għamlu ħbieb tant illi jumein uara insibuhom flimchien fil palazz ta Mannâr f'ta Hâmet fejn marru igħaddu ġurnata flimchien ma li stess Hâchem. Ġorġ Rioles għaraf bi ħżunitu jindeheż magħhom, juri mħabba lejn il cavalier La Vallette; imma dan, li diġà chien sama' xi ħaġa fuku mill captan de Nasis, ma tahx uiċċ, anzi tant ma kabel xejn miegħu, li uiddeb lill Hâchem biex, jecc icun jista, jeħles minnu malajr u ibeuuġu mill gżira. Ta Rioles,li chien jilħaklu biżżejjed, xamm xi ħaġa minn daun il cliem, għalhecc bejjet f'kalbu lil cavalier ma l'għedeuua l'oħra li chellu. Is-Sultan Isleadam sâr jâf minn La Vallette daun il ħuejjeġ collha; u għalhecc, kabel ma mâr lejn Malta, uara li ta xi ordni sabiex iseuuhu is-sûr tal Castell u it-torrijiet ta li xtût, uiddeb lill Hâchem minn taħt sabiex ifittex jeħles minn ta Rioles, mil-Lhudi tagħhom Elia u minn ħabibhom Lippu.

Chien għadu ma għaddiex xahar fuk il migja tas-Sultan fil gżira tagħna, mita ta Rioles, il missier u l'iben Ġorġ, il-lhudi tagħhom u Lippu ħabibhom geu mill Hâchem itturrufnati mill gżejjer tagħna, minfħabba il ħbeberija li chellhom ma xi għedeuua ta l'insara.

F'dan iż-żmien collu, Lisa bint il Hâchem chellha biex tcun ferħana; missierha, chif għidna, imlaħħak Hâchem, câp tal gżira collha, maħbub mill cbarât, mill cavalieri u mis-Sultan; ħuha chitbilhom li sejjer tajjeb f'Paliermu, għadda mill'euuel esamijiet u beda jitgħallem għall'avucat bit-tama li sa erbgħa snîn oħra icun ma niesu; l'għedeuua ta Rioles mal ħbieb tagħhom, bogħod mill gżira; Toni de Nasis iħobbha bi mħabba l'ictar cbira u diġà talabha b'għarusa tiegħu lil missierha u l'ommha; donnu xejn iżjed ma chien jonkosha sabiex tcun henja; imma b'dana collu ma chienitx moħħha mistrieħ; imdorrija fil ħemm u fil biża minn tant snîn, chienet donnha ma tistax issib is-sàbar tal kalb tagħha, kalbha bakgħet dejjem tħabbatha u teħbirha minn xi deni li jista bla ħsieb jaka' fukha. Chienet jakau beżagħna minn xi ħaġa, jeu għadda xi cliem minn għala uidnejjha li chien iżommha fid-duejjak? Ma nafuhx; lil niesha katt ma uriethom b'xejn, uisk inkas lill captan għarus tagħha: chien forsi jâf biss xi ħaġa Dun Nicol, għaliex lil dan ma chienet iżżommlu ebda ħaġa moħbija u collox chienet tagħmel bil parir tiegħu, imma dan mistoksi mn'ommha Margarit u mill Hâchem missierha, katt ma uera li jâf b'xejn.

Ġurnata fost l'oħrajn, missierha għamel il ħsieb li isaksi lilha stess x'hinì il ħtija tad-duejjak tagħha. Chienet fid-dâr ta Hâmet, Lisa chienet fil ġnien ueħida, bilkegħda għad-dell tal canezzata, b'idha fuk moħħha, taħseb: x'ħin raha missierha, resak fejnha u beda jistaksiha:

— Lîs, binti, x'inhu dan tiegħec, dejjem kalbec seuda, imdejjka, mingħajr ħadd ma jâf minn'na il għaliex?

— Emminni, missier, li għalchemm jiena stess nâf b'dan, insaksi spiss lili in-nifsi u ma nafx iuiegeb il għaliex. Donni tuelidt m'hux għall ħaġa oħra ħlief għall ħemm, għad-dueijak...

— Binti, għaliex ma tridx turini il ħsieb li idejkec? kabeż missierha, bla ma ħalliha tissocta titchellem. Jecc m'hux għall kalbec il captan Toni de Nasis, u għalecc inti mdejka, tchellem ; jiena ma irrid nagħmel xejn contra kalbec...

— Missier m'hux dan le li idejjakni, ueġbitu fil ħin li beda jakbeż id-dmugħ minn għainejha. F'de Nasis ma għandi x'ingħid xejn. Jogħġobni, għaliex narah ta drauuiet tajba aħjar minni, għall għakal u dehen cbîr, kalbieni u captan mill'aħjar. Imma kalbi teħbirni li jiena ma incunx għall'issa f'sicti. Coll mita incun għarcubtejja nitlob kuddiem Sidtna Maria, inħossha tħabbarni b'hemm u slaleb li għâd jiġu fuki u nħossha tkauuili kalbi biex noħodhom bil kauua ta nisranija. Missier, jiena haun jiena għall dac collu li jista jiġi fuki; emminni, id-duejjak tiegħi huma biss għall biża li jaka' fuki mita naħseb li mîn jâf jecc li mħabba li tħobbuni għâd tisuielcom ħemm u nichet !...

— Lîs, x'taħseb li għâd igħaddi minn għalic, jecc l'għedeuua li chellna fil gżira, ħlisna minnhom ?

— Issaksini xejn iżjed, għax ma nafx x'nibda ingħidlec. Xi drabi, mita... Iżda gejja ommi biċ-ċchejchen Ġuseppi fuk driegħha... Nitħadtu fuk ħuejjeġ oħra biex ma innictulhiex kalbha.

Margarit, li chienet rieska fejnhom biċ-ċchejchen Ġuseppi fuk driegħha, tarbija ta xi erbatax il xahar, ntebħet li malli rauha biddlu il cliem tagħhom u

ghad-dmugh li rât f'ghainejn Lisa, ittendiet fukhiex chienu jithadtu; imma, ghamlet ta bir-ruhha ma gharfet xejn biex ma tcattarx id-dieka ta bintha.

Gheluk it-tmint ijiem fuk daun il cliem li ghidna, il Hâchem mar Malta mistieden mis-Sultan Isleadam ghall festa li saret il Birgu ta ringraziament l'Alla li l'Ordni kala' daun il gżejjer mis-Sultan ta Spanja. Lisa u ommha Margarit bakghu fid-dâr ta Hâmet b'żeuġ sefturi u bil-lsir Ahmed maghhom. Il ghada fil-ghodu, sbieh il Hadd,il captan Toni de Nasis ma habibu Ciccu Platamun, hu Margarit, niżlu mill Castell ghad-dâr tal Hâchem biex iżuru il familja tieghu. Mat-triek, x'hin scorreu lil S. Nanard, iltakghu ma bdieua tilghin minn naha ta Ghajn-Sielem ghar-Rabat u semghu minnhom li rau mejjet geuua ghalka, imgharar f'dem-mu, krib it-triek li tiehu ghall'Imġâr ix-Xini, lil Censu ta li Skalli, uiehed mis-sefturi ta Mannâr. It-tnejn inkatghu b'din l'ahbar ghall tant hsebijet li habtu fukhom, bdeu ighaġġlu lejn id-dâr ta Hâmet biex jarau chif inhi din il biċċa. Isibu il bieb tad-dâr miftuh berah, is-seftur l'iehor mixhut ghall tulu fl'art f'nofs il bitha bil chelb fejnu feruti f'chemm il banda, mejtin it-tnejn. Bhall miblughin, dahlu jiġru fid-dâr, ighajjtu lil Margarit, lill Lisa u lill Ahmed, iżda collimchien schiet, hadd ma uegibhom. Bakghu bhall imbiccmin, iharsu lejn xulxin bla ma jafu x'sejjrin jibdeu jaghmlu.

— Din venditta!... kâl il captan de Nasis.

— U m'hix żghira!... uieġbu Ciccu Platamun.

## VII.

## Tiftix ghall xejn

Haun il-lejl, kabel ma ġara' dan il ktîl li semmejna, nhar ta Sibt, Dun Nicol Castelletti, f'x'il ħamsa ta uara nofs-inhar, chien ħareġ uaħdu mill Castell, niżel lejn il ġnien tal Lunziata biex jagħmel daura, u baka' sejjer lejn it-triek tax-Xlendi biex jibka miexi lejn ta Sannat. Missieru Ġanni, x'hin ra li beda jidlam u għadu ma giex, beda jaħseb fuku; imma billi ibnu chien xi drabi igħaddi il-lejl barra mill Castell, f'dâr li chellhom fejn il Għajn il Cbira, fehem li baka' hemm u ma haseb fih iżjed xejn sa filgħodu. Imma x'hin il għada, nhar il Hadd, mas-sebħ ma deherx la fid-dâr u inkas fil cnisja, missieru taħ bħall ferh ta genn u bagħad malajr seftur biex jara hux fid-dâr ta Għajn il Cbira. Is-seftur ma sabux, staksa għalih lil bosta ħbieb, ħadd ma kal li rah iżjed minn filgħaxija; tala' għalecc lejn il Castell collu ħusbien. L'aħbar malajr xterdet fil Castell u fir-Rabat, li nakas il Provigariu ta l'Iskof, Dun Nicol; bdeu ifittxuh l'haun u l'hinn; ħasbu li mîn jâf marx fid-dâr ta Hâmet għand ta Mannâr, u għalhecc erbgħa minn tad-Dejma, uieħed minnhom capural, irħeulha l'hemm. Bejn ta S. Nanard u ta Hâmet jarau gejjin kuddiemhom b'għaġla cbira lil de Nasis u ta Platamun; għall'euuel ħasbu li gejjin jatuhom l'aħbar li sabu lil Dun Nicol; imma, x'hin korbu seuua, għarfu mis-sfurija ta uiċċhom u mill biża li chellu fukhom, li sejjrin jatuhom xi aħbar ħażina. Iż-żeuġ ħbieb xejn ma chienu għadhom semgħu fuk il biċċa ta Dun Nicol, chif l'erbgħa tad-Dejma ma setgħux inkas jobsru dac li ġara fid-dâr tal Hâchem. De

Nasis, malli korob seuua lejn tad-Dejma, chien pront igħidilhom :

— Smajtu billi ġara'? Kbadtu xi tarf?...

— Smajna, oh x'uaħda din! kabeż il capural; fittixna cullimchien, ħsibna li forsi jinsâb għand ta Mannâr u conn'na sejjrin iħittxuh hemm. Intom gejjin minn hemm... tafu tgħidulna hux għandhom?

— Mîn? uieġbu ta Platamun. Fuk mîn kiegħed titħaddet? ma nista nifhem xejn.

— Mîn?...Dun Nicol! Mela ma tafux x'ġara'? Jâf collħadd u intom għandcom ma smajtux! uiegibhom uieħed mill'erbgħa tad-Dejma collu mistgħageb.

— Tajba dîn? kâl de Nasis. Dîn oħra!... Mela ma tafux xi ġralhom lil ta Mannâr! Ma tafux li Lisa, ommha Margarit b'iċ-ċchejchen Ġuseppi, għabu għall collox! u iż-żeuġ sefturi maktulin!...

— Chif? Chif? Dan dal-lejl? kabeż il capural tad-Dejma; din aħjar! fli stess lejl jiġri dana collu! Mart il Ħâchem Margarit, żeuġ uliedu, il Provigariu Dun Nicol, idubu f'ħabta, żeuġ servi maktulin! Inkas li daħlu it-Toroc!...

— Isa, ma nitilfux żmien, imxu magħna lejn il Castell, kallhom lil tad-Dejma Ciccu Platamun, ħalli navżau lil tliet Ġurati sħabi, lil câp tal għases u taxxuieni.

Uara nofs siegħa, chienu fil Castell. In-nies kamet xeuuiexa uaħda għall din l'aħbar; collħadd tilef il cuiet u il mistrieħ tiegħu. Ma chienitx ħaġa ġdida f'dac iż-żmien li xiħadd idub jecc icun krib xi xatt, f'xi triek imuarba, jeu bil-lejl, jecc fin-*Nafra* ma jidholx geuua il Castell. Għadhom jistennew dauc it-tliet

xebbiet li għabu il Għarb fi triek imuarba li tieħu lejn il Gebla tal General, u il bir li chienu fuku jimleu l'ilma u jaħslu, sa' llum jissejjah *Bir il bniet.* Ma għoxrin sena ucoll kabel li storia tagħna, żeuġ cappillani tal cnisja tal Uied tal Lunziata, krib ir-Rabat, ħaduhom it-Toroc uara xulxin geuua ħames snîn. Minn dan chien sicuit jiġri dac iż-żmien. Imma disgrazia hecc cbira bħall din li f'lejl uieħed, bla ħsieb ta xejn, jonksu il Provigariu ta l'Iskof, il mara tal Hâchem, tnejn minn uliedha u il lsir tagħhom, bil ktîl ta żeuġ sefturi ucoll, ma chienet ġrat katt, għalhecc imliet b'għali il gżira u collħadd għamel dmiertu biex isir jâf il biċċa chif marret.

L'euuel ħsieb li ħabat f'râs collħadd, chien li ħaduhom it-Toroc, għalhecc stakseu lin-nies tad-Dejma, lil għases ta l'Imġâr, ta Marsalforn, tad-Duejra, tax-Xlendi u ta Imġâr ix-Xini, l'in-nies li mal-lejl bakgħu barra mill Castell; imma ħadd ma kâl li ra Toroc, ħadd ma kâl li dehru x'imchien krib Għaudex. Dic il ġurnata collha għaddiet f'giri u tiftix, imma fost collħadd il captan de Nasis mal ġurat Ciccu Platamun, ħu Margarit, għamlu chemm setgħu, ifittxu, jiġru, imorru għand collmin jidrilhom li jista ikabbadhom xi tarf, inebbagħhom b'xi ħaġa, jistaksu lil collmin jarau, iżda collox safa' fix-xejn.

Mitmumin bil għali, bla ma setgħu jakbdu ebda tarf minn imchien, uara ġurnata giri, chienu tilgħin it-telgħa tat-Tiġrija biex jidħlu fil Castell. Uakfu fejn S. Ġagbu jistrieħu, x'ħin de Nasis kâl lil ta Platamun:

— Issa chif x'sejjrin nagħmlu biex ngħarfu b'din il ħsara collha lil Hâchem li jinsâb Malta?

— Emminni, Nîn, li cull x'ħin naħseb, id-demm inħossu jitla għal rasi. Biex immorru aħna Malta natuh din l'aħbàr, kalbi ma tatinix; biex inħalluh jigi haun u l'aħbàr jeħodha sobtu, nara li ma jakbilx; xi tgħid int?

— Jiena naħseb li l'aħjar immorru aħna Malta, natuh l'aħbàr bil mod, navŕau lil General tax-xuieni, il Balliu Salviati, lil ħabibna il Cavalier Ġanni La Vallette... naħseb li bil għajnuna tagħhom nistgħu nakbdu xi tarf.

— Tajjeb, Nîn, għada ħilgħodu nerħulha għal Malta; nibża biss minn xi Toroc maduar Chemmuna, li ma ninkabdux fin-nassa aħna ucoll!...

— Nifdau f'Alla u fil Madonna li ma niltakgħux; għalli jista icun f'loc b'dgħajsa immorru b'xini armat b'colma jinħtieġ. Biżżejjed nakbdu il ponta tal Marfa, il bkija nissoctauh bl'art.

— Immela, filgħodu cmieni nerħulha għall'Imġâr u Alla jatihielna tajba.

---

## VIII.

### X'hasra ta Missier!

L'għada, chif chienu miftehmin, il Captan Toni de Nasis mal ġurat Ciccu Platamun, marru Malta u l'euuel ħsieb tagħhom chien li, minfloc ma imorru ifittxu il Hâchem Indria Mannâr, isibu lil ħabibhom il Cavalier La Vallette u lil General tax-xuieni ta l'Ordni, il Balliu Salviati, igħedulhom b'dac li ġara Għaudex biex jatuhom għajnuna fit-tiftix. Il General u il Cavalier bakgħu mistagħġbin b'dan is-serk hecc bla ħsieb, avżau malajr lis-Sultan Isleadam, u dan collu

sgħobien b'dac li ġara, taħom l'ordni biex jagħmlu chemm jistgħu biex isiru jafu il biċċa chif marret. Ġreu u tħâbtu, b'de Nasis u Platamun magħhom, fuk l'art u fuk il baħar, imma safa' collox fix-xejn; biss setgħu igħeidu li Toroc ma chienux sgur dauc li serkuhom, għaliex ma dehru imchien f'dauc il ġranet fuk il baħar, u ankas setgħet tcun il familja ta Rioles, għaliex chienet minn żmien itturufnata mill gżejjer tagħna, u għalhecc baka collox ħid-dlam actar minn kabel. Uara dan collu, ta Platamun u de Nasis inġabru il Birgu, sabu lil Hâchem Mannâr u, bla ma ureuh xejn, irħeulha ħimchien lejn Għaudex, mifthemin bejniethom li ma ħalluhx jidħol id-dâr ta Hâmet iħittex lil martu u lil uliedu bla ma icun jâf xi ġralhom; għalhecc, mat-triek jarau chif iteghmuh il biċċa bil mod mill'aħjar li jistgħu. Chienu itellgħu u iniżżlu bla ma jafu chif sejjrin jibdeulu biex jatuh aħbàr tant ħażina, x'ħin krib l'Imġâr beda itarrħilhom il Hâchem stess.

— Li cont nâf, kallhom, ma contx immur Malta xejn; li chiecu tafu chemm għaddejthom ħażin daun l'erbgħat ijiem, dejjem imdejjak, kalbi seuda bla ma nâf il għaliex; chelli mitt sena sachemm nigi Għaudex, u ma narax is-siegħa li incun ma niesi. Għâdni ngħali s'issa għaliex ma ħadtx miegħi lil marti Margarit u lil binti Lisa, għaliex chiecu moħħi chien icun actar f'sictu.

— La titbigħed mid-dâr, kâl ta Platamun, moħħoc jibka uarajc, u l'actar ħiż-żmenijet tagħna, għaliex illum jista jinkala xi għauġ bla ħsieb xejn.

— Xejn ma icun għageb, compla uarajh de Nasis, għaliex minn barra għandna it-Toroc, minn geuua

f'pajjiżna ninsabu imdaurin b'nies barranin li ma nafuhom xejn, taħsibhom ħbieb u nies tajba u Alla jâf x'icunu. U chiecu jien bħalec, sur Indrì, ma immurx Malta u inħalli lil marti u lil uliedi fil palazz ta Hâmet barra mill Castell.

— Iva, raġa ta Platamun, int ma għamiltx seuua, u għalhecc għandi mitt sena jien ucoll sachemm naslu, għaliex minn xi ħuejjeġ li f'Malta għaddeu minn għala uidnejja, nibża minn xi deni li sata' jiġri lil oħti, martec Margarit u lil...

— X'għidt, ġbîn ?... kabeż mistgħageb iħares lejh il Hâchem bla ma ħallieh jissocta. Xi smajt ? x'ġara?

— X'ġara seuua ma nafx; smajt xi chelma minn haun u oħra minn hinn.

L imsejchen Mannâr sâr minn cull leun; kabduh duejjak cbâr u ma chienx jarà il ħîn li jasal u jidħol id-dâr. Fit-telgħa ta l'Imġâr tarfulu xi ħaġa oħra biex iġagħluh jakta dritt lejn il Castell bla ma jagħddi mid-dâr tiegħu ta Hâmet, fejn sâr is-serk. Haun għaraf li ġrau xi disgrazzi cbâr; x'ħin korob lejn ta Hâmet, liua lejn id-dâr tiegħu, ħbiebu ma setgħu iżommuh bl'ebda cliem. Daħal fl'intrata tad-dâr, beda igħajjat b'kalbu maksuma lil martu u lil bintu, imma ma uieġbu hadd. Tah bħal genn, jiġri mad-dâr, igħajjat u jibchi. Riedu chiecu ħbiebu isabbruh, ifarrġuh ; imma chif tista katt issabbar u tħenni lil mîn f'dakka uaħda, bla ħsieb ta xejn, isib li tilef lil martu u lil żeuġ uliedu. Chellhom igħedulu collox chif chien u it-taħbit collu taghhom li tħabtu sabiex isibuhom jeu għallinkas isiru jafu chif u minn mîn sâr id-delitt, u li collox safa' fix-xejn għaliex ma setgħu jakbdu ebda tarf.

L'imsejchen missier ma bakax li ma ghamilx lac collu li sata' sabiex jirnexxilu isir jâf ghallinkas ghadhom x hajjin u fejn jinsabu : bil ghajnuna tal hbieb li chellu Malta, chiteb f'Tunes, f'Gerba, fl'Argiel u f'Costantinopli biex jara jecc martu u uliedu jinsabux hsiera hemm, sabiex jifdihom. Uighed ucoll bosta flûs lil min jatih xi ahbàr taghhom.

Chienu ghaddeu hamest ijiem fuk il migia tal Hâchem f'Ghaudex, mita sâr jâf minn Patri Agostinian, Stiefnu Zurchi, bhiedem gharef u ta hajja tajba, dac li cabbar il cunvent ta Ghadux, li fix-Xeuchia chien jinsâb uiehed bidui, jokghod b'dâr lejn Imġâr Xini, li chien jâf b'xi haġa fuk dac li ġara. Il Hâchem baghat ghalih minnufih, u malli rah kuddiemu, staksieh :

— Smajt li inti tâf xi haġa fuk is-serk ta marti u ta uliedi: ghidli dac li tâf; ara tahbili xi haġa, ghaliex tahbat hażîn !

— Nghidlec, uiegeb il bidui beżghan, dac collu li nâf. Haun il lejl ta kabel ma ġara is-serk ta niesec, rajt chemm il darba uiehed żaghżugh ta xi hamsa u ghoxrin sena tit triek li tiehu ghall'Imġâr Xini. Mallejl smajt mixi u ghajjàt ta nies ghaddejjin mnejn dari, rajt li stess ġuvni u smajtu ighid: " Toktluhom lè, ahjar imbighuhom lsiera." Dan collma nâf, u dan il ġuvni ma nafux.

— X'chien liebes ?

— Libsa seuda ta ghâni; actarx hu tuil u irkiek, bil mustacci żghar.

— Ma contx hsibt hażin ! hu collu chemm hu !... kâl il Hâchem fil hîn li kâm isejjah lil hu martu, li Ciccu Platamun.

## IX.

### Mariu Cassar

Chien îlu chemm il sena Ninu, bin il Hâchem, fil belt ta Paliermu, fejn chien mar biex jitgħallem, imma katt ma chien mument f'sictu, moħħu dejjem iħabbat fuk niesu u uisk iżjed fuk il maħbuba oħtu Lisa, li chien ħalliha beżagħna fuk xi għauġ li sata' jaka' fuk il familja taħhom minħabba dac li chienet tara f'Ġorġ Rioles. Imma mita chien jaħseb fil għakal tal għarus tagħha, il captan de Nasis, u fit-tiubija u f'ħîltha, dan il ħin chien itajjar għal ftit żmien dan il biża minn moħħu. L'ittri imbagħad li chien jircievi minnha cull tant, li minnhom chien jagħraf il fidi kauuija li chellha f'Alla, it-tama cbira fil Madonna li teħlisha minn cull għauġ, chienu dejjem actar icattrulu is-sabar.

Chien imdorri, filgħaxija, uara li scola, jinżel ix-xatt tal belt jagħmel daura, biex imbagħad jinġabar id-dâr għal li studiu. Ġurnata fost l'oħrajn, isib li għada chif daħlet fil port xprunara ginuiża u uakaf iħares jara in-nies nieżlin minnha. Jilmaħ ma daun uieħed żagħżuh ta xi ħamsa u għoxrin sena, tuil, magħlub, liebes actarx ħażin, imma li chellu xeħta ta uieħed imrobbi fil għâna u fit-tagħlim ta li scola. Gieblu xeuka li jarah aħjar, korob lejh, deherlu li m'hux uiċċ ġdid għalih, resak lejh biex ichelmu, iżda dan, malli rah, mar għal fuku u kallu :

— Int m'intix Toni Mannâr, għaudxi ?

— Iva, int mnejn tâfni ? oh, issa kiegħed nintebah mîn int ! M'intix Mariu Cassar, għaudxi bħali ? Ma contx uakajt lsir ? Chif ħlistha ?

— Hlist sa fl'aħħar mill jasar, uara sitt snîn il

îli imbati, u għâdni gej minn Tripli u nħossni għandi mitt sena sachemm immur Għaudex nara lil niesi.

Bakgħu telgħin it-tnejn fiimchien lejn il belt; ta Mannâr stiednu biex jokgħod għandu fil ftit ġranet li chellu idum Paliermu sachemm isib xi bastiment sejjer lejn Malta.

Mariu Caxaru, illum Cassar, chien minn familja għanja, għaudxija, li minnha chelna fil gżira Vici-Armiral, Ġurati u Captani. X'uħud minn ta Cassar chienu kegħdin Malta, laħku minnhom impieghi għaljin, chienu maħbubin mir-rejet ta li Spanja u imbagħad mis-Slaten ta Malta. Missier Mariu, Anġlu Cassar, li chien Ġurat f'Għaudex għall chemm il sena, ragel għâni, chien ħabib ta Ġurat ieħor malti, Ġuliu Cumbo, li chien jokgħod il Mosta, f'palazz krîb il cnisja. Dan chellu bintu Angelca, għarusa lil ġuvni għani bħalha, Tonin Manduca. Il missier chien stieden bosta ħbieb għal nhar it-tieġ u fost daun ma nisiex lil ħabib tiegħu ta Għaudex, Anġlu Cassar, u talbu biex ma jonksux. It-tieġ chellu isir f'Auuissu tassena 1526, żmien li fih Anġlu ma satax iuarrab minn Għaudex, u għalhecc, biex ma jonkonx lil ħabibu Ġuliu, bagħat lil ibnu Mariu. Għadu jissemma sa illum chemm spiċċa ħażin dac it-tieġ: it-Toroc daħlu il Mosta fil ħîn li chien colħadd miġbur għall għors; saret taktigħa; bosta bakgħu mejtin, oħrajn ħarbu, 400 uakgħu lsiera. Fost daun, il għarusa Angelca, li minfħabba fiha għamel dan collu it-Torc Haggi, biex jisrakha u jatieha lil Sidi Alì, Sultan ta Tripli; it-tîr ta moħħu irnixxielu seuua. Bin Cassar chien uieħed minn dauc li uakgħu taħt idejn it-Toroc, baka' lsir Tripli sachemm irnexxa lil missieru li jixtrih. Il ba-

stiment li fuku imbarca chien għal Paliermu, u hemm mar bil ħsieb, chif għedna, li ifittex mill'actar fîs jigi Għaudex.

Fil ġranet li Mariu Cassar kagħad għand Ninu Mannâr, għamlu ħbieb seuua; dan urieh bid-duejjak collha ta kalbu, bil biża li chellu fuk oħtu Lisa, għarusa ta Toni de Nasis, il captan, bil ħażen tal familja ta Rioles. Mariu urieh chif sâr jâf fi Tripli lil Ġorġ Rioles, chif għamel ta bir-ruħu ħabib miegħu għal bżonn, kallu fuk xi delitti tiegħu u fuk il ħbeberija li chellu mas-sultan ta Tripli Sidi Alì u ma xi Capijiet oħra tat-Toroc. Ta Mannâr actar baża għal oħtu fuk daun il cliem, u irraccmandaha bid-dmugħ f'għainejh lil dan il ħabib. Mita uaslu biex jinfirdu minn xulxin, Ninu uasslu sa abbord, għannku lil xulxin bħal ħbieb tal kalb u kallu daun l'aħħar cliem:

— Infaccrec, ħabib, f'oħti Lisa !

— Tarġa tgħidli xejn, Nìn ; jecc nâf li inċarċar demmi, jecc nâf li naka' mill ġdid lsir, Lisa ma taka' katt taħt idejn il għedeuua tagħcom !

— Nifda fîc u fil captan de Nasis.

— Ifda fina u la tibża xejn.

Mariu uasal Għaudex bis-sliema; chienet ta ferħ cbîr lil ommu u missieru, lil niesu u lil ħbieb il migja tiegħu mill jasar ta Tripli ; ma chienx ħlief ighid lil colħadd chif ġara is serk ta l'għarusa tal Mosta, it-tbatijiet li ġarrbu fil jasar, il mibgħeda tat-Toroc lejn li nsara u fuk collox lejn daun il gżejjer. Il familja tal Hâchem chellha minnu ittra ta Ninu u aħbarijiet fuku; Lisa semgħetu b'hena u ħrara cbira jitħaddet fuk huha,chellha elf mistoksija x'tagħmillu u

hu collu ferhan kallha dac collu li sata' ighedilha. Lisa chienet tâf thobb bil kalb lil mîn jaghmlilha xi piacir u ghalhecc uriet mhabba lejn Mariu u habbitu uisk iżjed mita saret tâf chif huha irraccmandaha lilu. Din li mhabba tât ftit x'jahseb lil de Nasis u lil Hâchem; imma billi chienu jagharfu tajjeb it-tiubjia ta Lisa, li mgieba tajba, ir-rispett u il ghakal ta Mariu, ma tniffsu xejn ; biss ma chienux jistghu jahmlu fih il hbeberija tieghu ma Ġorġ Rioles. Iżda, uara hmistax li giè Mariu f'Ghaudex, ta Rioles geu itturrufnati u spiċċat ghalhecc din il hbeberija, g halchemm bejn Mariu u de Nasis ma chienitx tinsâb mhabba ta hbieb tal kalb.

Uara ftit taż-żmien, ġara, chif jâf mîn kieghed jakra, is-serk tal familja tal Hâchem. Fit-tahuid li uaka fil gżira b'din id-disgrazia, intesa Mariu Cassar. Mita ftacru fih, il familja tieghu kalet li mar Malta. Il Hâchem baghat jara, gietu l'ahbàr li Malta ma dehirx, haseb ghalhecc hażin fih, u dan il hsieb ra li minnu mita sama' cliem il bidui li semmejna.

Ix-xnigha ġriet malajr minn fomm ghall'iehor li Mariu ta Cassar chien il câp ta dauc li serku il familja tal Hâchem. Il familja ta Cassar katt ma seteght iddahhal f'rasha li Mariu chellu l'ghalmu u il kalb jaghmel dac id-delitt minfhabba Lisa, fuk collox ghaliex chienu jafu chemm chien tajjeb u chien digià gharus lil Ġovanilla minn ta Vanjol, ghaudxija, xebba ghanja bint Flippu u Smeralda, li chienu jhobbuh daks chiecu binhom. Imma chif jista mohhom ma imurx f'Mariu? Dan telakhom dac il lejl ta dac is-serk, u il bidui rah chemm il darba lejn Imġâr Xini, li ghal-

chemm ma chienx jafu, minn cliemu hadd ma satagħ igħid li ma chienx hu!

Ġovanilla, sogħbija bil bosta fuk din il biċċa, ma daħħlitx f'moħħa dac li ngħâd fuk l'għarus tagħha, għaliex chienet tafu biżżejjed; ħasbet fih li għamel xi att cbîr ta virtù, billi l'aħħar cliem li kallha nhar is-Sibt ta kabel ma ġara id-delitt chienu daun:

— Ġovanill, forsi icolli nitbiegħed mill gżira bla ħsieb, forsi bli nagħmel tittabba għal żmien il fama tiegħi, forsi icolloc il għaliex tagħli... imma temmen xejn b'dac li igħidu... la tinsieni katt... dejjem ftacar itlob lil Madonna għalija, għaliex icolli uisk bżonn!...

— Immela, x'sejjer tagħmel, Mar? kaltlu hi.

— Id-dieka cbira tiegħi hi, li ma nistax nitchellem fuk hecc!... itlob għalija!

---

## X.

## Ninu

Chienet għaddiet actar minn sena mingħajr ma insemgħet ebda aħbàr fuk mart jeu ulied il Hàchem, mita uasal minn Malta l'Imġâr uieħed ġuvni, li telak bil mixi għar-Rabat. Minn uiċċu chien juri li bata bosta, li ħemm cbir chien jinfidlu kalbu. Mita korob lejn ix-Xeuchia, kabad it-trik ta Hâmet, u baka' sejjer lejn il palazz tal Hâchem. X'ħin uasal fejnu, rafa' għainejh iħares; dic il ħemda, dac is-schiet actar kasmulu kalbu, kabeż id-dmugħ minn għainejh, tnigħed tnegħida u kâl: "X'tibdila fi ftit żmien!... X'takliba minn mita ħallejt dan il palazz! Msejcna ommi! msejcna Lisa!" Rafa' għainejh lejn is-Sema, u kâl b'kalb mifniha bil għali :—Alla Sidi, ħarisli l'ommi u lil ħuti!...

Omm Sîdna, oh Maria, għat-tbatijiet ħorox tiegħec, ismagħni, għaklali din il grazzia!..."Kabad it-triek lejn S. Nanard u baka' tiela lejn il Castell tar-Rabat, uasal fejn il palazz tal Hâchem, ħabbat, fetħulu u daħal.

Il làkgħa bejn il Hâchem u bejn dan il ġuvni, li chien ibnu Ninu li chellu Paliermu, chienet ta puieni cbâr. Il missier raġa geddet li għali tiegħu billi kagħad ifissirlu aħjar dac li chien chitiblu f'ittra, fuk id-disgrazia li ġratilhom u staksa lil ibnu għaliex id-dauuar ma giè u ma uiegeb katt iżjed għall'ittri tiegħu.

— Għaliex, missier, għauġ fuk ieħor! uieġbu ibnu. Cont naħseb li ma narahiex iżjed l'art tagħna, li ma niltekgħux iżjed flimchien. Forsi smajt chif f'Ottubru tas-sena l'oħra, il cursar lhudi Najdin Caramàn, b'għaxar xniebec barbreschi niżżel in-nies tiegħu f'Marsaxloc ta Malta, tala' għal Gudia, u fejn il cnisja ta Loretu laħkitu il cavalleria ta l'Imdina, reġgħetu lura u irnixxielu biss jisrak erbgħa bdieua u ftit bhejjem. Ix-xniebec gibdu għal Chemmuna u kagħdu jistenneu hemm li jisirku xi xprunara ta li nsara minn fuk il baħar. Ftit ġranet kabel, cont tlakt minn Skallia biex nigi haun ma uieħed minn żeuġ bastimenti maltin li telku flimchien għal Malta b'bosta Cavalieri ta l'Ordni u passiggeri oħra. It-Toroc ruana minn Chemmuna x'ħin krobna lejn Malta, għamlu għalina; il uieħed ħeles; l'ieħor, li cont fuku, inkabad. Haduna lsiera f'Girba. Inhallic taħseb, missier, il għali tiegħi x'ħin sibt ruħi lsir! Caramàn, imma, ma giebx ruħu magħna mill agħâr; hua ried jibagħtna pajjiżna, imma ried xi tliett mitt scud minn cull uieħed. Bagħat cavalier minnhom biex jiccorda mas-Sultan Isleadam,

ftehmu fuk il flûs u baghtuna. Minfhabba dan collu chien id-deumien tieghi; chelli bla hsieb, mal guaj li xrobt, niecol ucoll il hobż tal jasar f'Girba!

Ninu sâr jâf minn ziuh Platamun u minn ta de Nasis dac collu li ghamlu f'Ghaudex u Malta, fl'art u fuk il bahar, biex isibu l'ommu u lil hutu u jicxfu lil dauc li serkuhom; chif collox chien ghalxejn u chif fl'ahhar is-suspett uaka fuk Mariu Cassar. Bin il Hâchem ma satax iniżżilha malajr din l'ahbàr, li mîn chien il htija ta colma ġara, mar mbaghad jafdalu dac collu f'kalbu u sa uegħdi li iharislu lil ohtu mill'egh-deuua! "Chif?" beda ighid x'hin chiens uahdu, "Mariu Cassar traditur! Lil mîn ilkajt f'dari f'Paliermu, fdajt kalbi mieghu, jittradini b'dan il mod!... Ma chien jidher tant tajjeb, tant fidil! Jista icun katt li chellu kalb tant hażina!... Jisrakli l'ommi, l'ohti, lil hija!... Lè, jien nafu lil ta Cassar, tant hżunija u jebusija ta kalb ma tinsabx fih!... Imma idûb f'dac li stess lejl... Jisimghu cliemu ma dauc li serkuhom!... Li mhabba forsi żejda li uira lil ohti!... Hu chif inhu, ighidu li iridu, lil Mariu Cassar nafu b'żżejjed ghalchemm ġuvni kalbieni li ma bhalu, ghalchemm mohhu jilhaklu, ghalchemm hua capaci jixhet ruhu geuua in nirien, kalbu hija tajjba, hu nisrani mill ahjar, ma jista icun katt li jaghmel dan id-delitt!..."

Mohhu mimli b'daun il hsebijiet, hareġ mill Castell, niżel ir-Rabat, mar fil cunvent ta S. Uistin biex isîb lil habibu P. Stiefnu Zurchi, ighidlu x'ghandu jaghmel, jara x'parir jatih. It-tuajjeb u gharef patri lakghu b'idejh miftuha, sabbru mill'ahjar li sata', ġaghlu jehu mn'idejn Alla is-salib li baghtilhom, kal-

lu jitlob lil Madonna biex taklagħlu il grazzia li jarġa isibhom lil dauc li tant chien iħobbhom.

— Ibni, issocta igħidlu, it-tuajjeb f'din id-dinja icun imsauuat, il ħażin jittrionfa, imma għal żmien; l'innocenza Alla, illum jeu għada, iġagħlha tirbaħ, tcun magħrufha u imfaħħra!

— B'din it-tama jien ucoll, sur Patri; xi tgħidli imma nagħmel? U kabel xejn, int jidhirlec bħal oħrajn li Mariu Cassar chellu il ħila jagħmel delitt hecc cbîr!?

— Jiena diġà għidtu lil Hâchem missierec, li lil ta Cassar nafu tajjeb, ma nemmen katt li hu ħâti. Xi għedeuua oħra għandcom f'Għaudex u forsi barra minn Għaudex ucoll, imma fuk xi ħuejjeġ icolli inżomm fommi siechet. Il parir li natic hu li issiefer f'pajjiż it-Toroc, aħbi ismec u pajjiżec, dur ix-xtajta ta l'Africa minn Tripli sa l'Argiel; bil għakal u bil flûs jista jirnexxilec li issib lil niesec x'imchien Isiera.

— B'dan il ħsieb jiena ucoll; biss nibża li missieri ma iħallinix nitlak billi jibża li narġa naka' Isir.

— Lil missierec infehmu jiena; inti titlak illum kabel għada.

Ninu, l'iben li chien bakgħalu il Hâchem, il għada ħareġ mill gżira biex imur kalb it-Toroc ifittex l'ommu u lil ħutu, u li msejchen missier baka uaħdu mifrud mill maħbuba martu u uliedu, mingħajr l'ebda tama li kabel ma imut jarahom darb'oħra.

XI.

## Il Mig'nun ta Chemmuna

Uara ftit tal ġranet Ninu Mannâr chien f'Tunes jitchixxef u jitħabat biex jirnexxilu isib l'ommu u lil ħutu. Minfloc ma irnixxielu il ħsieb ta moħħu, spiċċa biex uaka ilsir hua ucol. Helisha ħafif uara ftit taż-żmien bil għajnuna ta xi ħbieb; issocta is-sàfar tiegħu f'Girba, fi Tripli, f'Zuara; raġa għadda minn Tunes, mar Bona, baka' tiela sa l'Argiel, uaka lsir darbtejn oħra u giè meħlus bla ma jâf chif; ħa sehem f'bosta guerer bejn l'Insara u it-Toroc, għamel chemm sata biex icompli ix-xeuka cbira li chellu, li jakbat xi tarf fuk is-serk tal familja tiegħu, imma collox sfalu fix-xejn. Imdejjak, mifni bil għali, jiesu maktuħ għal collox, uara tant snîn ta tiġrib u taħbit, giè mill ġdid Għaudex. Sâb lil missieru Indrija mitmum bil għali, xieħ kabel iż-żmien, miġbur f'dâru fil Castell, bla ma għandu x'jaksam iżjed ma ħadd, u Hâchem minn f'locu ziuh, ħu ommu, Ciccu Platamun. Għadda ftit ġranet ma missieru, urieh b'dac collu li għadda minn għalih f'ix-xtût ta l'Africa u chif collox chien għal xejn. Uaslitlu ittra uara ftit minn ħabibu il Cavalier Ġanni de Parisot La Vallette; minnha sâr jâf li chellu xi ighidlu ħuejjeġ li jisueu uisk fuk is-serk tal familja tiegħu, u għalhecc, bla telf ta żmien, irħilha lejn Malta.

Rajnihom, fl'euuel taksima ta din li storia, jiltakgħu daun it-tnejn fil Birgu, joħorġu flimchien f'siegħa nhar u jibkgħu sejjrin imorru lejn il Calcara. Haun u de Parisot urieh is-suspett li chellu fuk ta Rioles u il-lhudi Elia, ftehmu flimchien li il għada imorru

Chemmuna ma Toni de Nasis u Bernard Dopuo, captan tal ghases ta Ghaudex, biex jarau jistghux jakdu xi tarf mis-Sajjed ta Chemmuna. Rajnihom jaslu, jidhlu mid-dahla ta S. Niclau, jitilghu il fuk sad-dâr tas-Sajjed. De Parisot u Toni bin il Hâchem bakghu ma dan, fil hin li shabhom marru jaghmlu daura mal-lsir taghhom, mat-tifel u il-lsir tas-sajjed. Baka' bil cursità, mîn hu kieghed jakra dan il ctieb, x'kallhom dan is sajjed, liema chien il fatt icrah li semmielhom fuku, uara li talabhom biex jahalfu li iżommu collox mohbi sachemm jasal iż żmien. Chelna inhalluh u nerġghu lura bli storia taghna biex natuha ftit tad-daul; imma issa uasal il hîn li mîn kieghed jakra icun jafu.

— Mita issiru tafu, kallhom, mîn hu dac li kieghed jithaddet maghcom, mîn jien,li isejhuli il *Miġnun* inchella is-*Sajjed ta Chemmuna*, ma hemmx dubiu, intom tobghodu u tisthtu l'isem tieghi, bhala isem ta bniedem l'actar infami !...Cont chiefer, ingrat, ta kalb jebsa actar minn ta tigra tad-desert u ma nafx chif Alla isofrini fid-dinja, ma nafx chif l'art ma tinfetahx u tiblaghni ! U int, Nîn, bin il Hâchem Mannâr, uara il cliem li tisma minni, taghrafni bhala l'acbar ghàdu ta dauc li thobb fid-dinja ! Kalbi ma ittinix li niftah mill ġdid bi cliemi il ġrierah taghha, ghalhecc nitlobcom li thalluni ghall'issa nidfen fis schiet il cruha tad-delitti taghha !...

Is-sajjed beda jirtoghod, ghainejh bdeu jihmaru u tkattar minnhom xi demgha, żamm il cliem tieghu.

— Issocta, habib, kallu de Parisot, curaġġ, tibżax minn'na, ahna inżommu, sachemm icun hemm bżonn, collox fil heba.

— Għid collox, kabeż ta Mannâr, la tħalli xejn; jiena għalli inti sejjer tagħmel magħna, mn'issa stess minn collox naħfirlec.

— Taħfirli!... Jista icun katt?... Mela inti tajjeb bħal oħtoc Lisa!... Hi ucoll kaltli: *naħfirlec!* fil ħin li chellha tisħitni!... Il chelma tagħha ta maħfra tâtni il ħajja fir-ruħ u fil gisem; u inti, Nîn, bil chelma tieghec,kiegħed iżżidhieli. Ma fli stess ħîn nagħraf chemm chien cbîr id-dnub tiegħi mita għamilt id-deni lil minn hu tant tajjeb!...

— Tibżax, ħabib, issocta li cont tgħid, kallu bin il Hâchem, li chellu elf sena biex isir jâf dac li chien jistenna minnu.

— Nissocta. Int, Nîn, nisħajjlec tiftacar f'uieħed jismu Lippu, li chien giè jokgħod Għaudex xi sena kabel ma int sifirt għal Paliermu. Dana Lippu, għalchemm ma chienx magħruf,chien ħażin actar minn ta l'infern, ta kalb l'actar chiefra, imrobbi f'Girba, kalb it-Toroc, fejn ħaduħ lsir ma missieru. Sâr ħażin actar mill għagħâr Toroc; chien jista jagħmel deni lil insara actar minnhom, għaliex chien jâf jagħmilha ta nisrani għal bżonn, biex ma li stess Toroc jagħmel ħsara fost l'insara. Sâr ħabib ma bosta capijiet tat-Toroc, fost l'oħrajn ħbieb tiegħu chienu l'għedeuua ta l'insara, l'aħua Barbarossa, Aruħ u Hajreddin, li bisserk saru rejet ta l'Argiel. Magħhom, ħarbat bosta bliet ta l'insara, u fejn ma chienux jaslu bil kauua tagħhom daun iż-żeuġt aħua, chienu jaslu bil ħażen ta dan Lippu, li bijli chien jagħmilha ta nisrani, chien jista jidħol fejn irid u jitchixxef fost l'insara. U hecc, mita tau is-salt lil belt ta Catania, l'iskof tagħha,

Mons. Caracciolo, sata' jaħrab u jistaħba; imma Lippu, bi ħżunitu, sâr jâf fejn inħeba, għamilha ħabib miegħu biex jittradih u icconsennah f'idejn l'għedeuua Barbarossa. Semmejtuli lil Ġorġ Rioles u lil lhudi Elia u staksejtuni jecc nafhomx. Nafhom ngħid! Oh, m'hux li chiecu katt ma cont nafhom, chemm chien icun aħjar għalija! Bla ma tâf xejn int, Nîn, mibgħeda cbira tinsâb bejn ta Rioles u il familja tiegħec ta Mannâr. Nannuc, missier il Hâchem Indrija, li chien jismu bħalec Ninu, żmien îlu chien captan fi Spanja mal milizia tas-Sultan; Ġacbu, missier Ġorġ Rioles, chien captan bħalu; imma li xejn ma chienu jixxiebħu fil ħajja. Nannuc tuajjeb u fidil lejn is-sultan tiegħu; Rioles ħażin u ħabib ta l'għedeuua ta li Spanja. Chixef nannuc li chellu ikum irvel contra is-sultan mill li stess suldati, u li câp ta dan irvel chien il captan ta Rioles. Chif chien jinħtieġlu,il captan ta Mannâr għarraf b'collox l'is sultan; Rioles ma ibnu Ġorġ, tfajjel ta ftit snîn, giè itturufnat. Minn haun bdiet il mibgħeda bejn ta Rioles u ta Mannâr; Rioles ħalef li jekred il familja tagħcom, rabba lil ibnu f'din il mibgħeda, cabbar il ħbeberija tiegħu mat-Toroc biex jista jinkeda biha għat-tîr ta moħħu; u l'aħua Barbarossa kabbduh ma Lippu li semmejtilcom biex icollu għajnuna minnu.

— Issa kiegħed nifhem xi ħaġa, kabeż kâl mistagħġeb ta Mannâr, mill ħsara li chellha minn għoxrin sena ilhaun il familja tagħna!

— Għidtlicx seuua, issocta il cavalier La Vallette, mita għidtlec li ta Rioles ma jogħġbuni xejn, u li irid icollhom sehem fid-disgrazzi tal familja tagħcom!

— Għedtlu seuua, iva, sur cavalier; u issa tistgħu

tifhmu collox malajr. Ta Rioles geu jokghodu Għaudex uara li kalgħu il maħfra mis-Sultan, biex jagħarfu seuua lil ta Mannâr; imma barra mill gżira, chellhom minn jaħdem għalihom. Lippu ħabibhom, fuk il baħar, max-xuieni tat-Toroc, compla, balleġ! ix-xeukât tagħhom. Chemmuna, din il gżira żgħira, nkdeu biha biex jiltakgħu ta Rioles ma Lippu u it-Toroc; saret *Bejta tal Hallilin* actar milli chienet kabel. Haun Lippu beda ix-xogħol tiegħu. Toni Platamun, hu ommoc Margarit, captan ta fuk il baħar, inkabad mix-xuieni tat-Toroc, għamluh lsir u giè iccunsennat l'Argiel f'idejn is-sultan Aruh Barbarossa, fejn għadu igħix ta lsir. Ftit uara, haun fejn din il gżira, nannuc Ninu ma ibnu Cola, uakgħu lsiera u ħaduhom Girba. Mit-triek tax-Xlendi, bil għajuuna tal-lhudi Elia u tal-lsir tagħcom Aħmed, Dun Nicol Castelletti insterak, bagħtuh Costantinopli, biegħuh lsir u uara sena miet. F'daun id-delitti collha, Lippu keda tajjeb lil ta Rioles. Chif imbagħad geu itturufnati ta Rioles, chif ta Mannâr uaslu fi rvina tal familja collha tagħhom, tafuh bħali, ma hemmx għalfejn ingħedulcom.

— Seuseuu dan li irridu nafu, kabeż kallu Ninu; għal dan gejna haun nitħaddtu miegħec.

— Issocta, ħabib, int ma icolloc ebda deni, okgħod fuk cliemi,kabeż kallu il cavalier biex jagħmillu il ħila!

— Ah x'turment! Oh x'piena sejjrin iġġagħluni nbati!... Lippu f'dan id-delitt, ma ta Rioles, u ma Elia u Aħmed, chellu l'acbar sehem, u għaraf bi ħżunitu iħabbel tant il biċċa, li xehet collox fuk mîn ma chellu ebda ħtija, fuk Mariu Cassar!... Iva, il cbira ħtija chienet ta Lippu, bakgħet kalbu jebsa għal bichi

ta omm tant tuajba, ta bintha, li xebba bla tebgħa, ta tarbija ta ftit xhur; u chellu il ħila, minn haun, minn dic id-daħla ta S. Niclau... jicconsenna f'idejn Rioles, f'idejn... f'idejn captan, Torc l'actar chiefer, lil dauc li chienu, Nîn, il gîd, il hena u li mħabba collha tiegħec!...

Is-sajjèd baxxa rasu, ħeba uiċċu f'idejh, collu imriegħed, bla nifs, b'leħen bil chemm jinstama, u kâl:

— *Il Miġnun ta Chemmuna*, chif tarauh haun kuddiemcom, hua dac Lippu il misħut!...

Ma daun il cliem, uaka għâxi f'idejn iż-żeuġ ħbieb li chienu jisimgħuh.

---

## XII.

### L'imjassrin

Uara ftit, Lippu bil għajnuna taż-żeuġ ħbieb giè f'sessih, fil ħin li rau gejjin fukhom mid-daura li chienu għamlu ma Chemmuna, iż-żeuġ ħbieb l'oħra li chellhom magħhom, de Nasis u Bernard. Kabel xejn ma uaslu daun, Lippu uegħidom li xi darb'oħra ifissrilhom il haġa aħjar, u jurihom ucol għaliex jinsâb kiegħed f'dic il gżira; u, sabiex ma jatu x'jaħseb lil ħadd, ftehmu li il làkgħa tagħhom tcun f'San Paul il Baħar, fejn hu imur isibhom bid-dgħajsa tiegħu ta sajjed.

F'din it-tieni làkgħa mas-Sajjed f'San Paul il Baħar, l'erbgħa ħbieb saru jafu chif marret il biċċa collha tas-serk. Mela, ta Rioles, Ġorġ u missieru, li chienu itturufnati, ftehmu ma captan ta xambic torc u geu Chemmuna; mal ħabta tal ħdax ta bil-lejl, ix-xambic daħal bil moħbi fi Imġar Xini fejn chienu jistennewh Lippu mal-lsir ta Mannâr, Aħmed; niżel l'art ma daun it-tnejn Ġorg Rioles b'erbgħa Toroc miegħu;

maduar nofs il-lejl chienu ta Hâmet maduar il palazz tal Hâchem; Aħmed ma Lippu daħlu mill ġnien, kabżu għal ġeuua il bitħa u fetħu lil sħabhom. L'euuel xogħol tagħhom chien li għammdu u rabtu lil uieħed missefturi, u b'dakkiet ta stallet ħelsu mill ieħor u mill chelb li beda jimbaħ hecc chif xamm il barranin. Dan collu ma satax isir bla ħlejjes u bla għajjàt; għalhecc kamu imbeżżgħin Margarit u bintha Lisa; iżda l'imsejcnin sabu ruieħhom f'dakka ta għajn imdauurin minn ħafna rgiel, tilfu saħħithom, uakgħu għaxjin. Mita stejknu, sabu ruħhom geuua xambic u sejrin lejn Chemmuna, imdauurin minn Lippu, Mariu Cassar u il lhudi Elia, imħabbtin magħhom biex igibuhom f'sessihom. Krib tagħhom chien kiegħed b'idejh marbutin uarajh, ħsiebu fl'imsiechen żeuġ nisa, Dun Nicol Castelletti, provigariu ta l'iskof, bħallichiecu li hu ucoll ma chien jinsâb misruk u imjassar bħalhom! Chien għadu id-dlam x'ħin niżżlu it-tliet lsiera f'Chemmuna biex l'għada jerħulha ma żeuġ xuieni oħra lejn Barbaria. Id-daħla ta S. Niclau, chiecu tista titchellem, issocta igħidilhom Lippu, tâf tegħdilcom il bichi u ittnegħid ta l'imsejcnin lsiera fil ħîn li jiena tlakthom f'idejn ta Rioles biex jeħduhom Barbaria.

— U Dun Nicol, staksa il cavalier de Parisot, chif insâb lsir fuk ix-xambic maż-żeuġ nisa?

— Dun Nicol, uiegeb Lippu, chellu mîn jistadu f'dic il lejla fli stess gżira; tlieta minn sħabna ma il-lhudi Elia, kabduh mit-triek tax-Xlendi, niżlu bih mal uied, għaddeu minn Sannat u uassluh Imġar Xini fil ħîn li uasalna aħna biż-żeuġ nisa. Fil viaġġ, imbagħad, għal Barbaria, iltkajna ma bastiment torc li

sejjer Costantinopli; fuku chien hemm mercant tal lsiera: ta Rioles bieghuh, u haduh f'dic il belt,fejn miet, chif tafu, uara sena.

— U iċ-ċchejchen hija Ġuseppi xi hbaru? chif spiċċa? Ktiltuh f'dic il-lejla? staksa Ninu Mannâr, kalbu maksuma bil piena għal dac collu li sama'.

— Hûc, Nîn, ma ktilniehx; tajnih l'ommoc malli ġiet f'sessiha, u baka' magħha għal xi żmien, sachemm hi telkitu f'idejn habib biex jehu shiebu.

— F'dan collu li għidtilna, Lip, kallu Toni de Nasis, għâdni biss ma nistax nifhem chif insab magħcom Mariu Cassar, u compla magħcom id-delitt, u issa għidt li hu bla htjia!

— Giè imkarrak minni... ridt nixhet il htija fuku. Cont nâf li f'Paliermu, int, Nîn, tlabtu li jehu shieb ohtoc Lisa. Hu chien għarus banda tajba, lil Ġovannilla, bint is-sur Lippu Vanjol. Din chien iridha ġuvni iehor; dan xtrani bil flûs biex nekridlu lil għarus ta Cassar. Jien karrakt bih, uahhaltlu f'mohhu li jinhtegilna nakbżu għall Lisa, u għaraft tant nahdem tajjeb b'mohhi, li uakkajtu lsir ma l'ohrajn bla ma jâf mîn hu il htija. Fis-serk, imbagħad, ġagħaltu jahdem miegħi u ma l'ohrajn; fehimtu li hemm bżonn nimxu bil malizia, ngħinu fisserk lit-Toroc la darba inkbadna, biex incunu nistgħu il kuddiem nharrbu lil msejcnin lsiera. Kbadtu finnassa; jiena cont il htija collha tiegħu. U jidhrilcom li ma għidtx is-seuua, x'hin l'euuel darba li iltkajna f'Chemmuna, għidtilcom li mita issiru tafu minn jien, tibdeu tobgħodu u tishtu l'isem tiegħi, bhala isem ta bniedem l'actar infami! Daks chemm cont

chiefer, nżîd ngħedilcom, ma nafx chif l'art ma tinfetaħx u tiblagħni!... Iżda mîn jâf Alla hux kiegħed iżommni fid-dinja biex inħallas għall dnubieti u ncun ta gîd lil minn għamiltlu tant deni!...

— Tâf issa fejn jinsabu dauc li uakkajt fil jasar? Għamilt xejn xi ħaġa biex issalvahom? stakseuh ilcoll flimchien bi ħrara cbira.

— Nâf fejn huma, u dac collu li stajt nagħmel, għamiltu biex nifdiehom. B'dan biss nista issa inħallas b'xi mod id-delitt tiegħi. Tistgħu taħsbu liema ħajja imsejcna kiegħed ingħaddi f'Chemmuna ma tifel u lsir, imbiegħed mill bnedmin, imgħoddi ta miġnun, miżmum mit-Toroc ta spiun tagħhom għad-deni ta daun il gżejjer... imma xejn ma igħodd, ħakkni actar minn dan għal dnubieti u collox jiena ninsa mita jasal dac il ħin li nara f'idejja lil dauc li uakkajt fil jasar!...

— Chif, kabeż mistgħageb ta Mannâr; tistenna li jiġu f'idejc hemm f'Chemmuna lil dauc li uakkajt fil jasar? B'liema mod? Chif jista icun katt dan?

— Tistagħgeb, Nîn, għaliex għadec ma tafx bil ġrajja collha. Cûnu afu li, għalchemm cont tant ħażin, Alla messli kalbi, ftaħt għainejja, għaraft il ħażen tiegħi, chienet grażzia cbira tal Madonna; imma Alla u il Madonna nkdeu b'oħtoc Lisa biex imissuli kalbi. Iva, Alla icollu ħniena minnha u minn ommha, jeħlishom mill jasar... dan biss li nixtiek fid-dinja! Dic Lisa oħtoc, Nîn, ma hemmx xebba oħra bħalha! oh, x'kalb tajba! oh, xi drauuiet ħeluin għandha u xi tiubija fil ħajja tagħha! Cull x'ħin niftacar, jigini il bichi u nagħraf dejjem actar chemm chienet cbira il ħżunija u l'ebusija ta kalbi! Minn floc ma bagħ-

ditni u seħtitni x'ħin għarfet li jiena cont il ħtija tas-serk u il jasar tagħha u ta ommha, fil ħin li cont kiegħed innizzilha fuk ix-xambic minn Chemmuna, daret lejja u kaltli: "Lip, sejjer tixħitna fil jasar lili u l'ommi... magħna sejjer tekred lil missieri, lil ħija u lil għarus tiegħi, li daluakt imutu bil għali...Ah! Lip, ftacar li hemm Alla!... Ta din id-dinja collox jagħddi; ma ftacar li trid tati cont tal għamil tiegħec collu! Lip, jiena naħfirlec b'kalbi collha, u fil jasar tiegħi, dment li jien ħajja, coljum nitlob il Madonna għalic biex tbiddillec kalbec!..." Daun il cliem ħauuduli kalbi; l'għamil tagħha il kuddiem biddilhieli għal collox: rġajt ġejt f'Għaudex, stkarrejt dnubieti għand il Patri Zurchi ta S. Uistin; ridt nitlak id-dinja għal collox, imma dan ma ħallinix: kalli li jiena jeħtieġli nagħmel dmiri biex nifdi lil minn uakkajt fil jasar. Irġajt sifirt, ħlist mill jasar lil Mariu Cassar, ħdimna bil għakal biex neħilsu liż-żeuġ nisa, sachemm ħsibniha xort'oħra. Infridna minn xulxin, ħallejtu Girba sachemm jirnexxilu, scont ma ftehimna, li nircievi fuk xini torc haun f'Chemmuna, liż-żeuġ nisa. Iżda issa li intom tafu b'dana collu, nistgħu niftehmu aħjar, tistgħu tatuna għajnuna; imma hemm bżonn ta għakal cbîr, għaliex kegħdin nagħmluha ma l'għagħâr Toroc, m'hux għalchemm tgħaddilhom mill prua.

— Aħna issibna għal collox, kalulu l'erbgħa ħbieb ħlimchien, imkar li inċarcru demmna, biex neħilsuhom mill jasar!

— Tuni żmien ingħarraf lil Mariu Cassar, imma ifta' għajncom li tidhru iżjed lejn Chemmuna.

Ftiehmu għal mita jerġgħu jiltakgħu biex jarau

x'għandhom jagħmlu, u de Parisot għamillu l'aħħar mistoksija u kallu:

— Taħt idejn mîn jinsabu Isiera f'Girba, Lisa u Margarit?

— Taħt idejn l'għagħâr żeuġ Toroc, uieġbu Lippu ħusbien; taħt idejn l'aħua Dragutt, li Alla ibigħedhom dejjem minn daun il gżejjer tagħna!...

Chellu il għaliex jibża Lippu minn daun iż-żeuġt aħua, li chellhom il kuddiem iħabbtu tant lil daun iż-żeuġ gżejjer u lil Ordni ta S. Ġuann u icunu is-saħta tal gżira tagħna ta Għaudex.

---

## XIII.

### F'Girba

L'aħua Dragutt, li għandhom sehem tant cbîr fli storia tal gżejjer tagħna, imsejjħin mit-Toroc l'aħua Dorgħud, chienu żeuġ għarab imueldin fil fakar f'raħal ta Anatolia. Minn ċcunithom harġu minn pajjishom, siefru u telgħu lejn l'Argiel u daħlu maż-żeuġ cursari Barbarossa, l'acbar ħallelin ta fuk il baħar f'dac iż-żmien u li chienu il biża tas-saltniet ta l'insara. Daun għarfu malajr il curaġġ, il ħila u il għakal taż-żeuġt aħua Dragut, stmauhom għalhecc u nkdeu bihom fis-serk contra l'insara, u uara ftit taż-żmien fdaulhom xuieni taħt idejhom armati tajjeb biex jaħdmu bihom għal rashom, imma għan-nom tagħhom. F'kasir żmien, Dragut chibru bis-serk, ix-xorti għenithom, rauumu armata sabieħa fuk il baħar, kisruha ma Barbarossa, saru kauuijin bħalhom u agħar minnhom għall insara. Hacmu taħt idejhom il gżira ta Girba u artijiet oħra f'id-daħla ta Gabes, krib din il gżira, u

tant għaddeu il kuddiem, li l'armata tagħhom saret il biża ta l'armati tas-saltniet ta l'insara u l'acbar għadu ta l'Ordni ta S. Ġuann fil gżejjer tagħna. Moħħom chien jilħkilhom seuua; għas-serk ħadd ma chien joħodhom; colma jaħkmu, gîd u nies, icarcruh lejn Girba tagħhom; bosta minn niesna bil gîd tagħhom, cavalieri ta l'Ordni, dgħajjes u xuieni armati uakgħu taħt idejhom. Għallinkas, imma, il-lsiera taħt idejhom ma chienux ibatu; chienu igibu ruħhom tajjeb magħhom, u actarx irodduhom, basta jakelgħu minn fukhom ir-ragħan li icunu iridu. Għalcheimm l'insara collha chienu mibbgħudin minnhom, l'acbar mibgheda tagħhom imma chienet miġbura fuk iż-żeuġ gżejjer tagħna, Malta u Għaudex, billi f'daun chien jinsâb minn ftit żmien l'Ordni ta S. Ġuann, li l'akua fehma li chellu chienet li jekred it-Toroc bħala ghedeuuâ ta l'insara. Imma fost daun iż-żeuġ gżejjer, Għaudex chien għal Dragutt l'art tal cbira mibegħda tiegħu, fuk li għâd il kuddiem tcunu tafuh minn din li storia.

M'hux għalxejn, immela, Lippu, is-Sajjed ta Chemmuna, uira uiċċ ħusbien u imgħolli x'ħin kâl lil erbgħa ħbieb, il Lisa u ommha Margarit chienu lsiera taħt idejn l'aħua Dragutt fil gżira ta Girba.

Fil marsa ta din il gżira, chien jinsâb misraħ cbir, fejn, barra, mill cummerċ ta l'affarijet li jidħlu u joħorġu mill belt, chien isir ix-xiri u il beigħ tal lsiera.

Żeuġ diar cbar, faċċata tal baħar, chienu igħalku dan il misraħ min-naħħa ta fuk, il uaħda tal aħua Dragutt u l'oħra ta uieħed għâni spanjol, Carlu Garzes, mercant tal lsiera. Dan chien miżżeuueġ, imma ulied ma chellux: hu u martu Rachela, maklubin it-tnejn għal ligi ta Maumettu, xħaħ sa barra, ma chellhomx

— Tiġinix bil prietchi ! kaltilha ħil ħîn li kamet bil uiekfa u tâtha dakka ta ħarta. Tbigħed minni, u mûr il ġeuua ; malli jigi żeugi u il captan ta Dragutt, nerġgħu nitħaddtu u jibdielec mill cliem li għidtli !...

Il-Isira, b'rasha baxxa u b'għainejha collha dmugħ, tbiegħdet minnejn sidtha, daħlet fîs id-dâr, ingħalket f'camra, niżlet għar-rcubtejha u kalet b'kalbha maksuma bil piena : "Virġni Maria, Omm Alla u Omm tiegħi, tini kauua biex nieħu collox minn idejn Gesù, biex nibka kauuija ħil fidi; eħlisni minn dan il chiefer jasar, tini il grazzia narġa nara il gżira ta Għaudex u lil niesi ! Għaxar snîn îli n'tolboc din il grazzia; ismagħni, oh Maria !"

---

## XIV.

### Kalb ta Għaudxi !

Uara xi siegħa, daħal ħid-dâr ta li spanjol Garzes, captan tal cursari l'aħua Dragutt, għadu ħż-żmien, actarx tuil, minn uiċċu u għainejh chien juri għakal u deħen cbîr. Chien donnu mdorri jidħol f'din id-dâr għaliex baka' tiela dritt il fuk bla ma ħadd tniffes ; baka' dieħel f'għorfa fejn sâb lil sîdt id-dâr, lil Rachela. Selmilha bi tbissima, u kallha :

— Sinjura, gejt natic l'aħbar li actarx għada jeu inchella din il gimgħa sejjer nitlak minn Girba.

— Chif chien, sur Cassar; għaliex sejjer tħallina ? uieġbitu Rachela.

— Bagħtu għalija l'aħua Dragutt, biex dlonc immur b'xini niltaka magħhom ħid-daħla ta Gabes, fejn għandhom xi ħmistax il xini għalchemm jitilku ucoll.

— Fejn sejjrin tmorru ?

— Dragutt geu jafu li bosta xuieni ta l'Ordni ta S. Ġuann ta Malta jinsabu Skallia; għandna immorru krib Għaudex nistenneuhom biex natuhom is-salt. Iżda, jecc m'hinix nara ħażin, Rachela, narac ħusbiena, imdejka... Ġralec xi ħaġa mill ġdid?

— Chiecu tâf, sur Cassar, dic il halja lsira ta Seħra x'saħna tâtni!... Iggib ruħha miegħi bħalchiecu li jiena il-lsira taħha u hi sîdti! Nagħli għaliex xtrajta minn għand Dragutt; u li ma contx inti, sur Cassar, ma contx nixtrieha. Imma jiena imbiegħha mill'actar fìs; diġà tauni prezz tajjeb tagħha, iżda kabel xejn ir-rid nħallasha talli nakset miegħi!

— Imma jiena naħseb li fl'aħhar tobdic, Rachel, u tcompli max-xeuka tagħna, takleb għal ligi tal cbîr profeta Maumettu, u hecc ma icolcomx xi tgħidu iżjed minnha. Lsira bħal Seħra, li takdic minn collox, le ma issibha katt.

— Għadec bit-tama li takleb magħna, għax ma contx miegħi biex tara x'ilsien tâtni malli tarraftilha chelma! Cont naħseb li l'ibbusija ta rasha chienet gejja mn'ommha. Begħidta minnha, kridthielha chif tâf; imma bi actar uebbset rasha!

— Jiena, Rachel, naħseb li indauuarha; nuriha it-tiġrib li tinsâb fih, imbeżżagħha b'dac li ġara l'ommha u naħseb nirnexxiha.

— Trid tipprova? Okgħod haun u daluakt nibgħathielec; imma, narġa ngħidlec, li sejjer tispara għall'ajru, m'intix sejjer iddauuarha!

Is-sinjura Garzes ħarget mill għorfa u uara kasir żmien daħlet Seħra, bakgħet sejjra b'għainejha baxxi fl'art sa fejn il captan u kaltlu b'leħen imrigħed, imma li juri fli stess ħin il kauua ta kalbha:

— Sur Cassar, sidti kaltli li ghandec xi tghidli; gejt biex incompli il cmand taghha, imma bil patt kabel xejn, li ma issemmili ebda haġa fuk ir-religion imkaddsa tieghi.

— Lîs, kallha il captan, ghadec bil fehma, hux tasseu, li tibka shieha fil-Ligi nisranija?

— Sur Cassar, li ma contx tafha biżżejjed lil *Lisa bint il Hâchem*; cont nahfirhielec din il mistoksija! Iżda int tâfni biżżejjed; ma hemmx ghalfeju nidhaddtu uisk. Tgharaf kalbi biżżejjed, tâf il fehma tieghi; tcattarx, immela, nitolboc, il hemm li ninsâb fih!...

— Imma, Lîs, jiena ghâdni ma ghedtlec xejn; ghaliex tohodha mieghi! Staksejtec biss intix bil fehma li tiċhad il Ligi nisranija...

— Jiena hsibtu ghaliex sidti baghtitni kuddiemec; drabijiet ohra kuddiemha stess u maghha ghamiltli din il mistoksija! Tahseb, sur Cassar, li jiena sejjra naka' fil genn tieghec, niċhad l'imkaddsa religion tieghi nisranija, li fiha ghal grazzia t'Alla tuelidt u trabbejt, niċhad lil mahbub tieghi Gesù! Lè, dan ma icun katt! Haun jien biex nibka fil jasar, biex inġarrbu actar ahrax, inxerred demmi collu, imma li nakleb maghcom, ma icun katt! Lisa ta Mannâr hija kauuija biżżejjed, bil ghajnuna t'Alla, biex tirbah il kerk collu taghcom! Hsibtu li sejjrin tirbhuni billi bghedtuni mill'imsejcna ommi u kridtuhieli!... Isthi, Cassar, isthi mill ghamil tieghec! Biex tilhak captan ma l'ghedeuua ta l'insara, Dragutt, tiċhad il Fidi li uasslilna Alla fil gżejjer taghna ma Missierna S. Paul? U issa trid ucoll tuakka lili?! Ma chienx biżżejjed li uakkajtni fil jasar ma l'imsejcna ommi u hija, li ġagħaltni insofri

tant! trid ucoll tisrakli il Fidi nisranija! Chemm complejt tajjeb il ueghda li ghamilt lil hija f'Paliermu, li tharisni minn ta Rioles! Chemm icollha ghaliex tifrah, habibti u gharustec Ġovanilla, mita tisma bli storia tieghec u issib li habbet infami u traditur!

— Biżżejjed, Lìs, uegibba ta Cassar b'uiċċ helu, imma li juri kalb imnicta sa l'ahhar. Kghadt smajtec bis-sabar biex naghraf chif iżżommni f'kalbec. Issa nitolboc li tisma lili, ghaliex ìli nistenna dan il hin li fih ncun nista inchelmec bla hadd ma jismaghna. Ah! Lìs ohti, li cont tista takra f'kalbi sabiex taghraf chemm inti imkarka fil hsiebijiet tieghec!... Chiecu ma issejahlix infami, traditur! ma contx tueġġaghli kalbi b'tant cliem! Ili mal ghaxar snìn f'daun l'artijiet, imbieghed min-niesi u minn pajjiżi minfhabba fìc u ommoc Margarit, haristlec hajtec bosta drabi u f'Tunes, u f'Gabes u haun f'Girba; ghaddejt snìn fil jasar, cont ghoddni tant drabi tlift hajti; hlistlec lil hûc Ninu mill meut fi Tripli bla ma stajt nurih minn jien; u uara dan, issejjahli infami, traditur!... Nithabat b'hilti collha biex naghmillec il gìd u int dejjem tibka iżżommni b'ghadu tieghec; katt ma temminni, immela, li cont fis-serk tieghec ma Rioles u ma l'ohrajn ghaliex gejt mkarrak? ma tajticx provi biżżejjed biex tnehhi dan il hsieb hażin li ghandec fuki!

— M'hux inti, jakau, sur Cassar, uegbitu Lisa b'uiċċ husbien, m'hux int beghtli u kridtli l'ommi? Ma klibtx u sirt torc; ma intix habib tal kalb ma l'akua ghedeuua li ghandi?

— Fridtec mn'ommoc? iva, jien bighedtha minn din id-dâr, imma biex haristilha hajjitha, bla ma jafu siedec, u illum tinsâb f'post tajjeb taht idejja. Nidher

ħabib ta Dragutt, captan magħhom contra l'insara, ħabib ta Rioles u ta din il familja, u ma dan collu kiegħed nagħmlu biex inkarrak bihom sabiex jirnexxili neħliscom mill jasar! Għalihom li maklub magħhom, liebes ta Torc, imma f'kalbi, l'egħżeż li għandi, hia il fidi nisranija; u jien haun biex inċarċar demmi għaliha; imma kiegħed nuri ħaġa b'oħra; u dan collu minfħabba fìc u ommoc, Lîs, mingħajr ma nistenna ebda ħlâs għajr li nagħmel il gîd u incompli mal uegħda li għamilt lil ħuc f'Paliermu u inti tigi tgħaraf li ma hiniex għadu tiegħec!

— Jecc, sur Cassar, tatini prova ċara ta dana collu li għidtli, jiena nemnec u inżommoc bl'acbar ħabib li jista icolli!

— Għadec ma emmintx cliemi? Trid prova biex temminni? Hu din l'ittra, chitbithielec ommoc, u fiha tgħidlec għandiex tokgħod għall cliemi; prova oħra natihielec illum stess, x'ħin tarani ma ħuc Ninu, u mal captan de Nasis l'għarus tiegħec, u ma...

— Fejn? trid issa tidħac bija? uieġbitu collha mistagħġba lil ħin li ħadet l'ittra mn'îdu u għafsitha ma kalbha.

— Haun stess, Lîs, f'din il belt! Kîs biss li tagħraf tkarrak bħali, għal ftit ġranet oħra, bl'għedeuua tagħna, u f'kasir żmien nurihom x'tâf tagħmel kalb ta Għaudxi!

— Jecc, ħabib, hua tasseu dan li għidtli illum, m'ħux biss nitolboc taħfirli mill cliem li bih uaġġajtec, imma nuegħdec ucoll li imbierchec għall ħajti collha!

— B'dan biss, Lîs, tcun tista tħallasni!

# XV.

## Il Harba

Bhal ma kallha Mariu Cassar lis-sinjura spanjola Rachela, l'ahua Dragutt chienu jinsabu f'id-dahla ta Gabes bix-xuieni taghhom armati tajjeb bl'ahjar nies u b'dac collu li jinhtieġ ghal xi salt fuk l'ghedeuua, jistenneu minn mument ghal iehor il hin li jitilku ghal fuk il gżejjer taghna, bil hsieb li jaghmlu xi priża fuk xi bastiment ta l'insara jeu fuk ix-xuieni ta l'Ordni ta Malta, li chienu keghdin ibahhru bejn Malta u Tripli. Mariu Cassar, captan ma Dragutt u rajjes ta uahda mix-xuieni taghhom, baka', chif rajna, f'Girba bix-xini tieghu, miftihem li jiltaka' ma Dragutt f'Gabes, biex jibka sejjer ghal corsa li riedu jaghmlu. Iżda, il hsieb ta Cassar chien li kabel xejn jahchem fuk ix-xini tieghu lil Lisa u l'ommha, biex mita jiġu bix-xuieni fuk il gżejjer taghna jicconsennahom bil mohbi lis-Sajjed ta Chemmuna; imma issa dauc l'erbgha hbieb li uaslu f'Girba, mibghutin mis-Sajjed, biddlulu il hsieb ta mohhu: deherlu li chien ahjar li malli jahchem iż-żeuġ ilsiera fuk ix-xini tieghu, jerhilha ghal Malta bla ma ighaddi minn Gabes. Biddel ghalhecc l'ismijiet tal Cavalier de Paricot, ta Ninu bin il Hâchem u ta Bernard Dopuo u ghamilhom bahrin fuk ix-xini tieghu, u żamm mieghu fl'art lil Toni de Nasis, l'gharus ta Lisa, liebes ta mercant gharbi tal Isiera. Il ghada filghodu, daun it-tnejn flimchien chienu fil misrah kuddiem il palazz ta li Spanjol, keghdin jiftehmu fuk ix-xiri ta erbgha nisa Isiera. Sidhom, gharbi, bi ftit cliem ftiehem ma ta de Nasis fuk il prezz taghhom, kabad f'idejh il flûs u ircieva

mill captan Cassar rigal, fil ħîn li ħaliflu li collox jibka moħbi. Uaħda minn dauna l'erbgħa nisa, chienet Margarit omm Lisa, li uara kasir żmien nsabet fuk ix-xini ta Cassar, tgħannak ma sidirha lil binha Ninu uara għaxar snîn ta ħirda.

Fil ħin li kuddiem il palazz ta li Spanjol sâr il bejgħ li semmejna, f'tieka minn dan il palazz xirfet uaħda lsira, għarfet lil captan Cassar, dehrilha li tafu ucoll lil mercant tal-lsiera li chellu miegħu, ittendiet li chien de Nasis, għarfet l'ommha fost dauc il-lsiera li xtara: eluf ta ħsebijiet bdeu għaddejjin minn moħħa; kalbha ma setegħtx iżżomm iżjed, għajtet għajta bla ma ntebħet, taha bħal rakd ir-ruħ, chienet għoddha uekgħet uaranijiet, niżlet fuk siġġu bilkgħeda: uara ftit rât chif għamlet u kamet tarġa tittauual, imma xejn ma sabet milli rât kabel u kabdet taħseb li chienet xi ħolma, li ratux gejj lejn il palazz lil ta Cassar, li rafa' għainejh lejha u għamiżha biex tinżel. Malli daħal geuua, sabha miegħu, kallha ftit cliem taħt il-lsien, urietu li fehmitu collox u inħirdu minn xul-xin bla ma ħadd rahom. Ta Cassar kâl lil li spanjol Carlu Garzes, li f'dic il-lejla chellu jitlak bix-xini tiegħu għal Gabes biex jiltaka ma Dragutt, u urieh ix-xeuka li chellu li kabel ma jitlak imur jagħmillu żiara fil palazz, flimchien mal aħjar baħrin tax-xini tiegħu. Għoġbitu din lil li spanjol u dan uegħdu li iuasslu imbagħad sa fuk ix-xini la icunu ser jitilku.

Uara inżul ix-xemx, li Spanjol lakagħ fil palazz tiegħu b'ferħ cbîr lil captan Cassar b'għoxrin mill baħrin tax-xini tiegħu, skiehom mill aħjar xorb, faħħrilhom il ħîla cbira ta l'aħua Dragutt, u xte-kilhom li jaħcmu taħt idejhom il flotta ta l'Ordni ta

S. Ġuann bil gżejjer tagħhom. Li Spanjol, martu Rachela u il baħrin għarab, bil ferħ xorbu ftit iż-żejjed, ħaġa li chien jixtieka u ħasbilha il captan Cassar; iż-la dan, ma xi ftit oħra, baka' rasu f'locha seuua. Hin bla uakt, x'ħin chien dalam ġmielu, bla ma ntebaħ ħadd, ħareġ uieħed mill baħrin, Ninu Mannâr, niżel bil mohbi isfel, daħal fil ġnien, naża il-libsa ta baħri, telakha f'idejn uaħda lsira, dlonc kabeż il ħajt tal ġnien u baka' sejjer fuk ix-xini ta Cassar. Il-lsira libset minnufiħ dic il libsa, staħbiet f'camra fejn il bieb tal bieb ta barra, u uakt li ħergin il baħrin, ingħakdet ma l'euuel sitta; u ftit uara, Lisa, liebsa ta baħri, sabet ruħa fi ħdân ommha fuk ix-xini. Ma nofs il-lejl, ix-xini ta Cassar, b'żiffa riħ tajba, telâk mill port ta Girba, bit-tama li ma jumejn jidħlu Malta.

Mariu Cassar, collu ferħan li sa issa collox irnixxielu seuua, ħalla l'erbgħa ħbieb tiegħu għassa fil prua, mar fil poppa fejn chien hemm Margarit ma Lisa għadha liebsa ta baħri, ħadilha b'îdha u kallha taħt il-lsien:

— Lîs, agħmel il ħila! ftit siegħat oħra incunu barra mit-tiġrib! Itlob lil Madonna li tiscansana. Margarit, x'jidhirlec? ħsibnihiex bil għakal?

— Il ħila u id-deħen tiegħec ried icun, sur Cassar, uieġbet Margarit.

— Issa nâf seuua chemm ħabbejtna!...kaltlu Lisa.

Tisfira mill prua, tât sinjal lil ta Cassar li chien hemm xi ħaġa; iż-żeuġ nisa bdeu jirtogħdu bil biża, x'ħin rau lil Cassar iħallihom u jitlak mgħaggel lejn il prua.

— Xi ġralcom? kâl lil ħbiebu malli resak fejnhom.

— Jidhirli, kallu il Cavalier La Vallette, li fuk ir-rih taghna ghandna xi bastimenti.

— Jiena deherli li rajthom ucoll, kabeż de Nasis.

— Iva, rajtu tajjeb, kâl b'uiċċu collu ħusbien ta Cassar, u f'dan - il post krib Girba iridu icunu xi xuieni minn ta Dragutt !...

Mariu Cassar ma marx imkarrak Chienet il flotta ta Dragutt, gejja mid-daħla ta Gabes għal Girba.

— X'sejjrin naghmlu ? staksieh Ninu ta Mannâr. Lemħuna... ma nistgħux naħarbuhom !

— Il ħarba, għall'issa, spiċċat ! kâl ta Cassar. Niccombattu ma nistgħux b'xini uieħed ; iżda, la tibżgħux, ħallu f'idejja, morru aħbu liż-żeuġ nisa, lili ħalluni uaħdi fil prua, il għakal u il curaġġ biss jistgħu isalvauna !

Il Captan għamel sinjal lix-xuieni ta Dragutt u irħielha bix-xini tiegħu għal fukhom.

---

XVI.

## Fuk ix-xuieni ta Dragutt

Ix-xini tal Captan Cassar, siegha uara chien ma genb ta l'aħua Dragutt; iżda, b'għageb tiegħu, dan ittenda li mill ħmistax il xini li chellhom Dragutt fiddaħla ta Gabes, haun chienu ħamsa u b'sîd tagħhom chellhom lil Dragutt iż-żgħir. Sâr jâf malajr li l'għaxar xuieni l'oħra bakgħu f'Gabes u li daun il ħamsa chienu sejjrin f'Girba biex jitgħabbeu bil provision ta l'ichel li nakashom u li chienu jaħtiġuh kabel ma jitilku għal corsa fuk il gżejjer tagħna. Dragutt ta' l'ordni lil captan Cassar biex iħalli ix-xini tiegħu u jerħih f'idejn captan ieħor, u hu jeħu uieħed mill ħamsa l'oħra u jibka

sejjer miegħu f'Girba. Dan l'ordni, chif jista jaħseb mîn ked jakra, gieb taħuid u biża tal genn fuk ix-xini tiegħu, għaliex ilcoll sabu ruieħhom bejn in-nâr u l'ilma, ma jafux x'sejjrin jagħmlu biex jeħilsu minn din il biċċa li giet fukhom bla ħsieb. Imma ta Cassar ma chienx minn dauc li jaktgħu jieshom, chien jâf jaħbi il biża u jeħles minn cull burraxca li taka' fuku. Nizel minnufih fuk ix-xini ta Dragutt, imlielu moħħu li ix-xuieni maltin jinsabu krîb Girba u għalhecc għandu bżonn ifittex imur f'Gabes javża lil ħuh; u għaraf tant igibhielu tajjeb li imlieh bil biża u dlonc ħallih m'hux biss li jissocta il viaġġ tiegħu għal Gabes, imma ic-cmanda ucoll li uaħda mill ħames xuieni tiegħu tmur tuasslu f'Gabes, biex, jecc jiltakgħu ma l'għedeuua, icunu jistgħu jeħduha magħhom. Għalchemm daħ ix-xini lil ta Cassar chien jista jisuielu ta tfixchil, le ma tniffes, bil ħsieb li jeħles minnu b'xi dbixchil ieħor. Fost għajjàt ta *Allaħ!* infirdu minn xulxin; l'erbgħa xuieni ta Dragutt bakgħu sejjrin Girba, u ta Cassar max-xini ieħor, għal Gabes. L'euuel ħsieb tal captan Cassar chien, uara li tfiħem ma ħbiebu, li jitla fuk ix-xini l'ieħor, jara x'nies u x'kauua fih, biex imbagħad jarau chif jistgħu jeħilsu minnu. Malli niżel fuku, il captan tiegħu, li chien Torc, feraħ bih u beda jurih dac collu li chellu fuk ix-xini tiegħu.

— Jiena armat tajjeb, kallu it-Torc; ix-xini li għandi hua mill'aħjar li għandhom Dragutt, biss ħaġa uaħda għandi tbeżżagħni jecc katt jaħbat li niltakgħu ma l'għedeuua.

— U x'hinì? staksieh Mariu Cassar.

— Il kaddiefa tista tgħid li collha lsiera; nibża li jirvillauli f'xi takbida ma l'għedeuua u itelfuli collox.

— U xi lsiera huma ? raġa tarraflu Mariu.

— Mlakktin minn haun u minn hinn, l'actarx minn Tunes u l'Argiel ; u naħseb li fosthom għandi xiħadd malti.

— Malti ? Il Maltin, ħija, ibża minnhom ; xejn la tafdahom; u jecc trid, dauc li għandec biża minnhom, nixtħuhom fuk ix-xini tiegħi! Lili ma ibeżżgħunix, ma għandix bosta lsiera bħalec. Iżda ħalli narahom u inchellimhom ftit kabel xejn.

Cassar ħalla lil captan torc u niżel f'kiegħ ix-xini jara u ichellem lil-lsiera, biex jecc isib xi Malti jara jiġbrux miegħu.

Imma, malli uarrab mnejn il captan u chien riesak fejn il-lsiera, uieħed mill baħrin gibdu minn urajh u sefsiflu bil lsien tagħna malti :

— Inti Għaudxi ! Ara tiċħadli !

Għalchemm chien ta ħila cbira, daun il chelmiet lil Mariu tilfulu l'almu; għamel ruħu micxuf, sâr isfar bħal mejjet bla ma uiegeb ebda chelma.

— Inti Għaudxi u minn ta Cassar ! raġa kallu; nafec tajjeb !

Cassar xeħet għainejh imbeżżgħin fuk il baħri u staksieh collu imriegħed :

— Int mîn int ?

— Għidli, kabel xejn, u bla biża, li int Għaudxi; naħseb li Alla lakkagħni miegħec !...

Il captan, x'ħin raħ micxuf, għamel il ħila chemm sata' u uieġbu :

— Jiena Għaudxi; imma jecc jien Għaudxi, int trid tcun Malti.

— Jiena Ghaudxi bħalec, u nitolboc icolloc ħniena minni, teħlisni mill jasar, tibaghtni pajjiżi!...

— Mîn int?

— Jiena Toni Platamun, ħu Margarit, mart il Hâchem Indrì Mannâr... Dil ħàbta, ibni Ciccu jinsâb Hâchem f'Għaudex. Iżda ma hiniex uaħdi haun; mieghi jinsâb il-lsir Għaudxi ieħor...

— Mîn hu?

— Cola Mannâr, ħu il Hâchem Indrì; dac li jinsâb hinn bejn dauc iż-żeuġ Toroc.

Ta Cassar baka' niexef bil ghageb għal daun il cliem. Toni Platamun u Cola Mannâr, li uekgħu lsiera minn żmien tuil, cullħadd chien jagħmilhom mejtin, u issa hu isibhom lsiera fuk ix-xuieni ta Dragutt!... Issocta Cassar idur u jara il-lsiera, resak imbagħad fejn il captan torc u raġa kallu biex jeħilsu minn ftit mill lsiera billi jeħodhom fuk ix-xini tiegħu. Uara ftit, iż-żeuġ Għaudxin, ma xi lsiera oħra, chienu fuk ix-xini ta Cassar. Iż-żeuġ xuieni infirdu minn xulxin; ta l'Għaudxi żammet il barra u tbegħdet seuua mill'oħra sachemm dalam.

Ir-rieħ chien tajjeb seuua għal Malta; il captan Cassar icmanda li jinfetħu il kluħ collha, telak it-tmun f'idejn Toni Platamun u kallu minn taħt il-lsien:

— Tôn, prua għal Malta, u Alla jatihielna tajba!

## XVII.

### Mehlusin mill jasar

Fil gżejjer tagħna, ma chienu jafu xejn b'dac li chien kiegħed jiġri f'Girba u fuk ix-xuieni ta Dragutt; ħadd ma chien jaħseb li uaħda minn daun ix-xuieni ta dan il cbîr għàdu, chienet f'idejn il Għaudxin u Maltin u gejja b'dauc, li tant familji, kraba u ħbieb, chienu bcheuhom bħal mejtin. Toni Platamun, missier Ciccu, li f'dan iż-żmien ta li storia tagħna chien il Hâchem ta Għaudex, u Cola Mannâr, iz-ziu ta Lisa, ħu missierha, imuekkgħin lsiera minn tant snîn bla ma ħadd ma sama' aħbarhom iżjed, cullħadd chien jagħmilhom mejtin; li stess ħaġa chienu jaħsbu minn Margarit, mart il Hâchem Indrì, u minn uliedha Lisa u ic-ċchejchen Ġuseppi, misrukin ma ħdax il sena kabel. Dic ix-xnigħa li chienet ħarget ftit ġranet uara dan is-serk, li igifieri Mariu Cassar, l'għarus ta Ġovanilla Vanjol, chien il ħâti, minnfloc ma nakset, actar għaddiet il kuddiem; fuk collox, mita dan ma deherx iżjed fil gżira tagħna, cullħadd għamlu, jecc m'hux il ħâti, għallankas sieħeb f'dac id-delitt. Ġovanilla, li chienet tagħraf il kalb tajba ta Mariu, katt ma riedet temmen b'dana collu; iżda, xi drabi, mita bdeu jagħddu is-snîn mingħajr ma semgħet iżjed ebda aħbàr tiegħu, chienet tibda kalbha tniggiżha, imma il Cappillan ta S. Sabina, Dun Indrì de Federici, ħabib tal familja tagħha, li chien jafu tajjeb lil ta Cassar, chien bi cliemu itajjrilha cull ħsieb ħażin li chien jigiha fuku, isabbarha li hu m'hux ħâti minn dan id-delitt u iuissiha dejjem sabiex titlob l'Assunta għalieh, biex Alla igibu f'Għaudex kauui u sħieħ. Il Hâchem Indrì,

uara id-disgrazzi collha li uakghu fuk il familja tieghu, cieda il cmand tal gżira, laħak minflocu, chif għedna, Ciccu Platamun, ħu martu Margarit, u hu inġabar f'daru, beda ma jagħmilha ma ħadd u ma irid jâf b'xejn; l'imsejchen, mifni u mitmum bil għali, xjieħ kabel iż żmien; bakghu biss ħbieb tiegħu, chif chienu ucoll ta ibnu Ninu, il captan Toni de Nasis, li chien gharus ta bintu, li skalli Bernard Dopuo u il Cavalier de Parisot La Vallette,li mita chien jigi Għaudex chien jagħddi dic il ġurnata miegħu. Ix-xuejjaħ kata' jiesu ghal collox li jarġa jara f'din id-dinja lil martu u lil uliedu; is-Sultan Isleadam, li billi chien maħbub minnu chellu xi tama fih, miet fis-sena 1534, ftit snîn uara is-serk tal familja tieghu, uarajh laħak Sultan Pietru del Ponte, li chien igibu tajjeb ucoll, iżda miet uara sena; laħak imbagħad Desideriu de Santa Jalla biex dâm sena biss; u uara il meut ta dan, il Cunsill għażel fis-sena 1536 lil Fra Ġuanni d'Omedes, ragel xuejjaħ, b'għajn uaħda, ta kalbu ħażina, li ftit chien jimpurtah mid-disgrazzi ta l'oħrajn u ftit u xejn chien jaħmilha il gżira ta Ghaudex, ghalhecc l'imsejchen Mannâr compla kata' jiesu u ma chienx jixtiek iżjed ħlief il meut.

Ġurnata uaħda, filgħodu, mas-sebħ, jilmħu minn Malta u minn Għaudex xini torc in-naħħa ta Nofs-Inhar, gejj b'rieħ tajjeb u kauui lejn il gżejjer tagħna. Avżau l'is-Sultan d'Omedes; dan iccmanda li joħorġu minnufih mill port żeuġ xuieni armati contra tiegħu; f'Għaudex, Ciccu Platamun, il Hâchem, ġabar malajr is-suldati, kassamhom mistoħbijin li Mgâr, Mġâr Xini u ix-Xlendi, biex jecc katt in-nies tax-xini torc jinżlu fl'art, jatuhom is-salt għal għarrieda. Ix-xini, kabel

xejn ma uaslu it-tnejn ta Malta, baka' diehel bejn iż-żeuġ gżejjer, resak fejn Chemmuna u uakaf fid-dahla ta S. Niclau. Rauh minn Ghaudex lis-Sajjed ta Chemmuna jersak fejnu bil cajjic tieghu, jinżlu tnejn mieghu u jerhulha ghal li Mġâr. Din il biċċa imliet b'ghageb lil cullhadd u tâtu x'jahseb m'hux ftit lil Hâchem Platamun, li kaghad bi ftit suldati mieghu fix-xatt jistennihom jersku. Iżda, liema chien l'ghageb tieghu x'hin jilmah fuk il cajjic, malli korob seuua, lil Ninu Mannâr, hu Lisa, u lil Mariu Cassar mal Miġnun ta Chemmuna ?! Haseb li kieghed johlom, bhal ma riedx jemmen lil ghainejh stess! Malli ta Mannâr niżel fl'art, mar fuk il Hâchem, kallu fi ftit cliem il fatt ta dac ix-xini torc misruk lil ahua Dragutt u minn huma il mahrubin lil ghandu fuku. Platamun, mimli bil ferh, chellu mitt sena sachemm jaghnnak ma sidru lil missieru Toni Platamun, l'ohtu Margarit, lil bintha Lisa u lil hbieb tieghu, ordna malajr li jaghmlu is-sinjal lix-xini biex jidhol li Mġâr, li jinġabru hemm is-suldati collha, u baghat javża lin-nies tal Castell. L'ahbàr li giet Lisa, bint il Hâchem, ommha Margarit, Toni Platamun, Cola Mannâr u Mariu ta Cassar ġriet bhal lehha ta berka malajr ma Ghaudex collu, u cullhadd irhielha jiġri lejn li Mġâr.

Malli ix-xini torc hareġ mid-dahla ta S. Niclau u beda jersak lejn li Mġâr, jaslu ghal fuku iż-żeuġ xuieni li chien baghad is-Sultan d'Omedes; imma il mahrubin, malli rauhom korbu fukhom, bdeu ighajjtu: "Viva l'Assunta!... Viva S. Ġuann!..." Il Cavalieri u il Maltin taż-żeuġ xuieni fehmu malajr x'chienet il biċċa, resku fejnhom, u x'hin saru jafu chif harbu minn Gir-

ba, il għajjàt ta ferħ chien uisk cbir. Iż-żeuġ xuieni bakgħu sejjrin magħhom lejn li Mġâr.

Ma insibx cliem haun biex nfissrilcom li ġara x'ħin niżlu ix-xatt dauc li chienu maħrubin fuk ix-xini torc; chienet siegħa ta ferħ u ta għors cbîr, li actar uieħed jista jaħsibha, inchella igħidha bil cliem. Cull-ħadd irid jarahom, cullħadd irid jâf chif ħarbu, l'isem ta Mariu Cassar beda jiġri imfaħħar fuk il lsien cull-ħadd, lil Lisa, fost għajjàt ta ferħ, refgħuha fuk l'idejn. U ma chien jakau xierak dan il ferħ? Il Hâchem, ix-xuejjaħ Indrì Mannâr, uara tant snîn, isib bla ħsieb lil martu, lil bintu, lil ħuh, lil Margarit, u Lisa u Cola Mannâr; il Hâchem, Ciccu Platamun, isib lil missseru, uara li chien tant bchieħ bħala mejjet, u lil zitu Margarit; il familja ta Cassar issib lil Mariu, uara li minn żmien chienet għamlitu mitluf; u Ġovanilla Vanjol chellha ix-xorti cbira li tarġa tiltaka ma l'għarus tagħha, Mariu Cassar.

Dic il-lejla, fil Gran Castell ta Għaudex saret festa mill poplu collu; u l'għada geu bosta Maltin jifirħu lil familji ta Mannâr, ta Platamun u ta Cassar u lil dauc li, bi cbîr tiġrib ta ħajjithom, ħelsu lil l'imsejcnin lsiera minn taħt idejn l'aħua Dragutt.

---

## XVIII.

### Maħfra imħallsa

Fost dauc collha li chienu uakgħu lsiera f'dac il lejl tas-serk tal familja ta Mannâr, chien jonkos biss iċ-ċchejchen Ġuseppi, ħu Lisa,li chif għedna giè misruk ma l'oħrajn, u ommu Margarita, biex teħilsu mill meut, chienet icconsinnatu, permezz ta Lippu is-Sajjed ta

Chemmuna, f'idejn uieħed lsir malti ħil belt ta Tunes. Ebda aħbàr katt iżjed ma instemgħet fuku, cullħadd għalhecc għamlu mejjet. Minn dac li intkal minn dauc li uaslu Għaudex meħlusin mill jasar, katt ma sata' jati aħbàr fuk din it-tarbija; ingħaraf imma b'mod ċar li Mariu Cassar chien bla ħtija f'dac is-serk, u li il ħtija collha chienu ta Rioles, il missier u ibnu, li inkdeu bil ħżunija ta Lippu, is-Sajjed ta Chemmuna. Cullħadd sâr jâf chif dan, biex iservi lil ta Rioles ħil ħsieb ħażin tagħhom, uakka lsir minn Chemmuna lil Captan tal marina Toni Platamun, ħu Margarit, u iccunsennah f'idejn it-Toroc; chif snîn uara ħàchem taħt idejh lil Cola Mannâr u lil missieru Ninu, li miet lsir f'Girba; chif Lippu chien li għamel lsir lil Dun Nicol Castelletti u bagħtu f'Costantinopli, fejn miet uara sena; cullħadd sâr jâf bil ħbeherija tiegħu ma l'għedeuua ta l'insara l'aħua Barbarossa u l'aħua Dragutt; għalħecc il poplu collu talab il meut tiegħu għal tant ħsara li għamel; ħadd ma gietu ħniena minnu, għalchemm chien biddel ħajtu u għamel tant biex jfdi lil dauc li chien uakkagħhom ħil jasar. Il Hâchem Platamun, biex ma jicsirhiex mal poplu, xeħtu ħil ħabs tal Castell flimchien ma ibnu, li f'dan iż-żmien sata' chellu xi tnax il sena, bil ħsieb li uara ftit iħarrichom kuddiem l'imħallef.

Għalchemm ħadd ma chellu ħniena minn Lippu għad-delitti li għamel u għal ħsara li gieb lil familji ta Mannâr u ta Platamun, ma dan collu insabet kalb li ħennet għalich. Lisa, bint il Hâchem, ta kalb safja u imżejna bil ħniena, li chienet tħoss mogħdrija cbira għal cull ħemm l'actar żgħir ta l'oħrajn, ma setegħt ma tħossx ħiha ħniena u mogħdrija għall imsejchen

Lippu u għal ibnu. Bis-sensja tal Hâchem, daħlet iżżuru fil ħabs biex tfarraġlu kalbu bi cliemha; Lippu nchiser u nfexx jibchi u jolfok x'ħin ra dil ħniena minn dic li batiet tant minfħabba fih fil jasar. Talabha maħfra, u talabha titlob għalieh li icun meħlus mill meut ibnu, li ebda htija ma chellu u li tieħu ħsiebu uara li hu icun ħallas bil meut id-delitti li għamel. Lisa uegħditu li ibnu ma icunx iccondannat, u li hi tidħol għalieh u iżżommu bħal binha. Bin Lippu, mrobbi minnu bl'akua rekka uara li bdielu milli għamel, chien tifel sabieh, moħħu jilħaklu, ta kalbu tajba, xejn ma jixbaħ lil missieru, għalhecc Lisa ngibdet lejh u talbet l'ommha biex jeħilsuh mill ħabs u irabbuh fid-dâr tagħhom.

Frattant, gheluk ix-xahar li uaslu f'Għaudex l'imjassrin, li meħlusin minn taħt idejn l'aħua Dragutt, b'festa cbira u b'ferħ ta cullħadd, sâr fil cnisja ta l'Assunta ta Castell it-tieġ ġurnata uaħda, ta Lisa bint il Hâchem ma Toni de Nasis, u dac ta Ġovanilla Vanjol ma Mariu Cassar. Ciccu Platamun, il Hâchem, stieden minn Malta bosta familji ħbieb tiegħu u ta l'erbgħa għarajjes, u ta' pranzu lil coll flimchien fil palazz tiegħu ta Hâchem fil Castell fil ġurnata tat tieġ. X'ħin korbu biex jispiċċau il pranzu, fl'actar ħin tal għors, Lisa kamet bil uiekfa, talbet li jiscot cullħadd, għaliex uriet li għanda xi tgħeid lil Hâchem. Cullħadd sichet malajr u xeħet għainejh fuk bint il Hâchem, u din ħarset lejn ziuha, il Hâchem Ciccu Platamun, li chien kiegħed kuddiemha fil mejda, u kaltlu :

— F'din il ġurnata ta ferħ, il kalb ta cullħadd hija cuntenta, barra minn tiegħi ! Inħoss ferita f'kalbi, u int biss, bil grazzia li nitolboc, tista tagħmilhieli ferħana.

— Għeidli, Lîs, x'tixtiek minni, u haun jien biex nagħmel dac collu li titlobni?

— Nitolboc grazzia.

— Għeidli u tcun magħmulha.

— Fil ħin li aħna ferħanin f'dan il pranzu, issoctat Lisa, jinsabu missier li ħâti u iben bla ħtija, magħlukin f'kiegħ tal ħabs li krib minn'na. Il missier hua ħâti, iva, ħâti bil bosta, imma niedem mill ħtijiet tiegħu, u ħallas għalihom. . għaliex għamel chemm satagħ sabiex neħilsu mill jasar... Jecc illum ninsabu miġburin haun ilcoll flimchien, mingħajr ma innakkas xejn milli għandna nafuhulu lil mîn fdiena, hu l'akua li ħàdem għalina!... L'imsejchen sbalja, uaka f'delitti cbâr, hua stess stkarrhom, nidem minnhom, Alla ħafirhomlu chif nittamau, għada għandu jidher kuddiem il Hâchem u l'imħallfin.. jistenna li jaktgħuhielu għal meut... Zi, int il Hâchem, ħajtu tinsâb f'idejc, nitolboc taħfer lil dac li Alla diġà ħafirlu!... Il kalb tiegħi tcun għal collox ferħana jecc din il ġurnata tal għors tagħna tcun mżejjna bil maħfra nisranija.

Il ħleuua li biha Lisa kalet daun il cliem, il uiċċ tagħha ta ħniena b'għainejha micsura u imdemmgħa, chisru kalb cullhadd; għalhecc il Hâchem fil pront uegibha:

— Lîs, icun dac li tixtiek kalbec; is-Sajjed ta Chemmuna u ibnu icunu meħlusin mill ħabs u mill meut.

— Ħallini insejħilhom issa stess, u natihom haun l'aħbar kuddiem cullhadd! reġgħet talbet Lisa.

— Għamel li jogħġboc, Lîs! uiegibha il Hâchem.

Uara ftit tal ħin, Lippu u ibnu daħlu fis-sal tal

pranzu bejn erbgha suldati, bla ma jafu xejn ghaliex sejhulhom.

— Lip, kallu il Hâchem malli rah kuddiemu, illum int magħruf għal collox, ula int *Miġnun* u ankas *Sajjed;* daun l'ismijiet hadtħom biex għamilt deni cbîr lil pajjiżna, biex kdejt lil ta Rioles fil venditta tagħhom contra nies il Hâchem ta Mannâr, id-diletti tiegħec huma bil bosta cbâr, int tisthokkloc il meut għal darba tnejn. Imma insabet kalb tajba li kabżet għalic, għalchemm inti ġagħaltha tant tbati ; Lisa, bint il Hâchem Mannâr, daħlet għalic, u fuk hecc int gejt ma ibnec imsejjaħ f'din is-sala.

— Il ħajja tiegħi, uiegeb Lippu b'għajnejh baxxi fl'art, hija f'idejcom; għad-deni li għamilt, ħakkni għal elf darba il meut, u forsi ftit ġranet oħra bakagħli ta ħajja. Iżda, xejn ma ighodd, basta irnixxieli li nara ferħanin ma nieshom lil dauc li cont uakkajt fil jasar. Haġa biss nixtiek biex immut cuntent, li nisma minn fomm Lisa u ta dauc li għamiltilhom tant deni, il chelma tal maħfra.

— Naħfrulec ilcoll, kabżet Lisa b'uiċċ ferħan; u jiena, bil grazzia li ircivejt miz-ziu tiegħi, il Hâchem Platamun, naħfirlec minn dan il mument stess il meut li sthokkitlec u il ħabs.... Lip, int u ibnec tinsabu maħfurin għal collox. Din il maħfra tcun bħala curuna li iżżejjen din il ġurnata tal għors tagħna.

“ Viva Lisa, bint il Hâchem ! ” għajtu għalenija il mistednin collha.

Lippu, li xejn ma chien jistenna daun il cliem minn Lisa, baka' uiekaf bħal statua, mistagħgeb, deherlu li kiegħed joħlom; iżda fil uakt bħala mistej-

ken min-nghasa tuila, ghainejh intleu bid-dmugh ta ferh, xeh thom micsura lejn dic li halsitu bil mahfra tad deni collu li ghamlilha, u kallha :

— Lîs, htirtli f'Tunes til jasar tieghec, icconvertejtni u salvajtli ruhi... hfirtli issa u salvajtli hajti... Alla ihallsec f'din l'art u fis-Sema!... Issa il mument li nati ferha lil kalb tieghec u t'ommoc Margarit, tant imnictin minni... Lîs, dan it-tfajjel li int diġà habbejt, miżmum b'iben tieghi, hu huc, iċ-ċchejchen Ġuseppi... il mahbub iben tieghec, Margarit, li int tant bchejtu fil jasar bhala mejjet. Jiena hlistu mill mewt, rabbejtu mill ahjar biex ġurnata incun nista nitilku lil Lisa bi hlâs tal mahfra li tâtni mita uakkajta fil jasar.

Jista jahseb, mîn kieghed jakra, b'liema ghageb u ferh daun il cliem mleu lil familja ta Mannàr u lil mistendnin collha.

---

## XIX.

## Cbir ghàdu mirbuh

Chienet is-sena 1540 meta l'ahua Dragutt tilfu ixxini li hadulhom il Ghaudxin bil-lsiera li chienu jinsabu fuku ; minn dan iż-żmien li msejcna gżira żgheira taghna uakghet taht il mibeghda ta daun il ghedeuua, iż-żeuġt ahua, l'akua cursari ta dauc iż-żmenijiet, li chienu ibeżżghu lil Ordni ta S. Ġuann, l'is-Slaten, u l'artijiet collha tal insara fil Mediterran. Il hsieb ta l'ahua Dragutt chien li malli tigihom ix-xokka f'moxtha jekirdu lil Ghaudex bin-nies collha tieghu. Ma damitx ma giethom occazioni tajba, ghaliex fis-sena li giet uara, tkanklet guerra bejn l'Imperatur ta Spanja Carlu V u Aga Assàn, sultan ta l'Argiel; il flotta ta

l'insara, mibgħuta mill Papa Paulu III, marret tgħin lil Imperatur, magħhom marret il flotta ta l'Ordni, u hecc il gżejjer tagħna bakgħu neksin mill'aħjar għajnuna tagħhom. L'aħua Dragutt chellhom il uasgħa biżżejjed sabiex jiġu bix-xuieni tagħhom jagħmlulna ħsara chemm jistgħu bla ma icunu mħabbtin minn ħadd, u ma damux ma ureu snienhom. Armati chif imiss bi ħmistax il xini, telku minn Girba dritt għal Malta. Fra Ġuanni La Vallette, li baka Malta captan ta xini, ħareġ jiccombatti lil Dragutt krib Malta, saret taktigħa seuua; imma x'jagħmel uaħdu bi ftit nies? Baka' mirbuħ, uaka lsir, u Dragutt iż-Żgħeir ħadu Girba ma ftit Cavalieri oħra u Maltin lsiera bħalhom. Bla ħsieb ta xejn, imbagħad, Dragutt il Cbîr ta' is-salt lil Għaudex, ħàchem taħt idejh ħamsin Għaudxi, li billi chienu rekdin l'haun u l'hinn mal gżira ma chellhomx żmien jidħlu fil Castell; għamel ħsara chemm sata' u imbagħad telak bil flotta tiegħu lejn l'Italia bil ħsieb li jiltaka mal flotta ta l'Ordni li chienet giet mill'Argiel u telgħet lejn Genua. Iżda, l'imsejchen baka' imkarrak; jilmaħ flotta, jaħsibha ta l'Ordni, imma chienet il flotta tal Ginuiżi bi Cmandant tagħha il kalbieni Ġannettin Doria. Dragutt, malli ntebaħ, seħet; beda jaħlef u jidgħi lil xortih ħażina x'hin rah imdauuar minn cullimchien biġ-ġfien u bastimenti ta Doria, u chellu, irid u ma iridx, iciedi. Il ħamsin Għaudxi ħelsu mill jasar u geu Għaudex; it-Toroc, bix-xuieni tagħhom, uakgħu lsiera; u Dragutt, billi gieb ruħu ħażin ma Doria, gie marbut ma banc ta xini u ħtieġlu jakdef bħala lsir. Dâm chemm il sena magħluk f'torri fil belt ta Genua. Uara ftit taż-żmien, il lsiera ta Girba ħelsu mill jasar; u malli gie Malta Fr. Ġuanni La Val-

lette, mâr Genua għal xi affarijiet ta l'Ordni, daħal jara lil Dragutt fit-torri fejn chien jinsâb magħluk u marbut bil ctajjen, u kallu bid-daħca f'fommu,li riedet tfisser chemm il ħaġa :

— *Senòr Dragutt, usanza de guerra!*

— *Y mudenza de fortuna !* uieġbu Dragutt.

— Il bierah mess lili, u illum lilec, ħabib.

— Collox jista jarġa idur, sur Cavalier !

— M'hux lachemm, Dragutt !

— Id-dinja rota, t'isfel jista jiġi malajr fuk, u ta fuk isfel !

Mîn chellu igħedilhom lil daun it-tnejn li, mażżmien, il uieħed icun Gran Mastru ta l'Ordni ta S. Ġuann, u l'ieħor Câp tal flotta tal Gran Sinjur, u icunu l'acbar għedeuua contra xulxin u l'ismijiet tagħhom jibkgħu msemmijin cull mita jissemma il Cbîr Asseḋiu ta Malta ta l'1565!

Frattant il principissa Doria, omm Ġannettin, chellha ħniena minn Dragutt, talbet għalieh lil binha, kalgħet li jiġi mifdi b'somma cbira ta flûs, u hecc Dragutt il Cbîr ħeles mill jasar. Għamlet ħażin il principissa, għaliex chienet il ħtija tad-deni li għamel Dragutt lil Insara, u tal ħsara li għamel lil gżejjer tagħna, għaliex dan minnufih irħielha lejn Girba tiegħu, ingħakad ma ħuh u raġa beda jeħodha mal insara fil bidu tas-sena 1544. Fit-23 ta April ta din issena, uaka' taħt idejn il Cavalieri u il Maltin, Rais Kara' Mussà, cursar imsieħeb ma l'aħua Dragutt, u giè imgħallak mill actar fîs. Dragutt, malli saru jafu, ħalfu li jagħmlu venditta minn Malta u chienu pronti jitilku minn Skallia b'għaxar bastimenti tal guerra u

dauruhom mal gżejjer tagħna jistenneu il uakt li jitħallsu. Imma, jecc l'aħua Dragutt chienu kegħdin joctru fil kauua u bdeu ibeżżgħu l'Ordni ta S. Ġuann, f'dan l'Ordni beda tiela ucoll il fuk Fra Ġuanni La Vallette, Cavalier ta l'akua curaġġ, li chien fehemha li Dragutt l'acbar għedeuua tal Insara. Imlaħħak minn ftit xħur Câp ta l'Armata ta l'Ordni, moħħu mâr fil Għaudxin billi chien jâf il mibgħeda ta Dragutt lejhom, giè Għaudex b'żeuġ Cavalieri miegħu, rifed il Gran Castell, armah b'dac li chien jonksu, għamel il ħîla lissuldati għaudxin u ftiħem mal Gvernatur Ximenes u mal Câp tal milizia, il Commendatur D'Averin, chif għandhom jiccumbattu lil aħua Dragutt jecc jinżlu fil gżira u jatu is-salt lil Gran Castell.

Fuk il bastimenti ta Dragutt saret ftehima, li l'euuel salt jatuh lil Castell ta Għaudex u malajr l'għaxar bastimenti daru mal gżira, niżlu is-suldati u irħeulha għal Castell. Imma mita korbu seuua, ħarġu għalihom Ximenes u D'Averin b'cavalieri oħra u bissuldati għaudxin, saret takbida kalila, li fiha ureu il ħîla u id-dehen tagħhom il Captani De Nasis, Mariu Cassar, Bernard Dopuo li skalli, u bosta nies minn ta Mannâr u ta Platamun ; l'għedeuua chellhom jerġgħu lura u bilġri jinġabru fuk ix-xuieni tagħhom. Bosta Toroc bakgħu mejtin, u fost l'oħrajn Dragutt iż-Żgħir. X'ħin ħuh ittenda bil meut tiegħu, kasam kalbu bil għali, seħet il ħîn li fih niżel Għaudex, raġa malajr lura bi ftit suldati, giè taħt il Castell u talab li jatuh il gisem ta ħuh. Minfloc ma tauhulu, dendluh ma lasta minn gardiola, u ħarkuh. Dragutt telagħlu, beda jidgħi u ikatta' fil leħja tiegħu ; ħalef b'Maumettu li jibka jobgħod lil Għaudxin sal meut ; tbaxxa u bies

l'art b'ħalfa li jekred lil Għaudxin bil Castell tagħhom chif huma kerdulu lil ħuh.

U hecc il gżira żgħira ta Għaudex fis-sena 1544, kerdet lil għadu ta l'insara *Dragutt iż-Żgħir*, chif oħtha il cbira—Malta—kerdet, 21 sena uara, fl'Assediu ta l'1565, lil *Dragutt il Cbîr*.

TMIEM.

---

## UERREJ

### Bint il Hâchem


| | | |
|---|---|---|
| I. | Ftehima ... ... ... ... | Facċ. 3 |
| II. | Sa Chemmuna ... ... ... | „ 7 |
| III. | Għaudex kabel l'1530 ... ... | „ 12 |
| IV. | Ta Mannâr ... ... ... | „ 17 |
| V. | Làkgħa f'dâr Rioles ... ... | „ 22 |
| VI. | Venditta ... ... ... ... | „ 25 |
| VII. | Tiftix għall xejn ... ... ... | „ 31 |
| VIII. | X'ħasra ta Missier! ... ... | „ 34 |
| IX. | Mariu Cassar ... ... ... | „ 38 |
| X. | Ninu ... ... ... ... | „ 42 |
| XI. | Il Miġnun ta Chemmuna ... | „ 46 |
| XII. | L'Imjassrin ... ... ... | „ 51 |
| XIII. | F'Girba ... ... ... ... | „ 56 |
| XIV. | Kalb ta Għaudxi! ... ... | „ 60 |
| XV. | Il Harba ... ... ... ... | „ 65 |
| XVI. | Fuk ix-xuieni ta Dragutt ... | „ 68 |
| XVII. | Meħlusin mill jasar ... ... | „ 72 |
| XVIII. | Maħfra imħallsa ... ... ... | „ 75 |
| XIX. | Cbîr għàdu mirbuħ ... ... | „ 80 |

# Li Storia ta Malta

(tal Imħalef P. De Bonu)

miġuba bil malti

minn

G. MUSCAT-AZZOPARDI P.L.

F'żeuġ cotba — Żeuġ soldi il uieħed.

---

# IL GIFEN TORC

TAKBIL

TAL

PROF. G. A. VASSALLO

Colħadd imissu għandu dal ctieb

Żeuġ soldi

---

# Il-Lsiera tas-Sultan

*(bli stampi)*

TA

DUN XAND CORTIS D.D., MISS.

# Cotba oħra

TAL

CAN. TEOL DR. DUN LUIGI VELLA

---

Eufrosina—*Uarda rari ta Maria* 3d.
Fernandu Montanies—*Storia għaudxia* 7d.
Il General Ruman—*Martri tal Fidi nisrania* 3d.
Bernard Dopuò—*Raccont Għaudxi fi żmien d'Omedes* 4d.
Isolda—*Raccont Malti* 5d.
San Mammante—*Raccont tas-seclu III* 3d.
Id-Dehra tal Madonna ta La Salette 3d.
Ix-Xahar tal Kalb ta Gesù, mgħoddi mal Verġni Maria 6d.

---

Jinbiegħu: GĦAUDEX, għand li Stampatur Salvu Grech, Belt Vittoria, Strada Carità, Nru. 41—MALTA, għand il Librar Ġanni Muscat, Str. Mercanti, il Belt—A. Aquilina & Co. Str. Riali—Paulu Aquilina, Str. Riali—Bormla, għand Salvu Risiott,—u oħrajn.

---